NEWSPAPER POST
ISSN 123456689

# IL-BELT VICTORIA

PUBBLIKAZZJONI TAL-BAŻILIKA PROTOPARROKJALI TA' SAN ĠORĠ | GĦAWDEX

SETTEMBRU-DIĊEMBRU 2020

NRU 201



## "EJJEW INKUNU KNISJA TASSEW... HEKK NAGĦMLU SERVIZZ LILNA U LIL GĦAWDEX TAGĦNA"

L-Isqof Anton Teuma
fil-Pussess bħala Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana
21 ta' Settembru 2020

EDITORJAL

# DAN L-IMBIEREK VIRUS!

Min qatt ħaseb li din is-sena kienet ser tibqa' mfakkra l-aktar għal pandemija li d-dinja kollha fl-aħħar mitt sena qatt ma esperjenzat bħalha. Kienet sena li dewqitna l-biża' ta' xi ħaġa li ma nafux x'inhi, ma nafux fejn hi u ma għandniex ċertezzi ta' kif ser noħorġu minnha.

Żgur kulħadd jiftakarhom l-ewwel xhur tas-sena fejn id-dinja kollha waqfet ħesrem, u dak li qabel kien in-normalità, għeb fix-xejn minħabba mikrobu inviżibbli għal għajnejn in-nies. Kulħadd beda jitkellem fuq 'normalità ġdida', fejn dak li qatt ma immaġinajnieh, bdejna ngħixuh f'leħħa ta' berqa.

Din fisser li jinqata' l-kuntatt mal-għeżież tagħna, jingħalqu – imqar għal ftit – postijiet tax-xogħol, *teleworking* għal bosta ħaddiema, lezzjonijiet tal-istudenti onlajn, limitazzjoni ta' ħruġ, impożizzjonijiet ta' fejn nistgħu mmorru u kemm, u fuq kollox l-għeluq tal-knejjes għall-quddies u l-attivitajiet reliġjużi.

Il-possibbiltà ta' tilqima sa mill-aħħar jiem tas-sena nisslet tama ġdida li bil-mod il-mod il-pandemija tibda tnin. Nieħdu gost bl-iżviluppi mgħaġġla tax-xjenza li bdiet tippermetti u tipproduċi l-mediċina u l-vaċċini biex tingħeleb din il-pandemija.

Hekk kif nitolbu li fix-xhur li ġejjin din il-pandemija tkun għaddiet, tajjeb wieħed jirrifletti fuq x'kien il-kontribut tiegħu jew tagħha f'dawn iż-żminijiet koroh. Jalla konna ta' spalla għall-għeżież tagħna u offrejna s-sostenn tagħna – anki dak affettiv – biex tingħeleb is-solitudni li setgħet ħakmithom. Jalla konna ta' appoġġ għall-ħbieb tagħna biex, fil-limitazzjonijiet imposti, ngħinu u noffru l-għajnuna kollha possibbli. Jalla konna ta' servizz lill-ġirien u dawk ta' madwarna billi żammejna kuntatt magħhom u offrejna kelma ta' kuraġġ. Jalla konna ta' sostenn għall-Awtoritajiet tas-Saħħa billi obdejna u osservajna l-miżuri li ttieħdu tul iż-żmien tal-pandemija. Jekk inqasna f'xi waħda minn dawn, għadna fiċ-ċans li nuru lil dawk ta' madwarna li ħadd ma jgħix waħdu ġo bozza, imma ngħixu f'komunità.

Jalla fuq kollox sibna t-tama fil-Mulej u rajna f'Ġesù Msallab ir-raġġ ta' dawl fid-dlamijiet li għaddejna minnhom. Jalla f'San Ġorġ, li – kif għamel sa minn żminijiet bikrija – daħal għal Għawdex tagħna, sibna l-ħarsien u l-faraġ. Jalla l-pożittiv kollu li ħareġ tul din il-pandemija nibqgħu ngħixuh b'tant imħabba u kompassjoni.

## DONAZZJONIJIET

Mons. Ġużeppi Gauci (Victoria) – €20
Pawlu Grech (il-Belt Victoria) offra €20 biex kull min jaqra din il-ħarġa joffri talba b'suffraġju għal ruħ il-ġenituri tiegħu Carmelo u Mariġwann. Agħtihom, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

NOTA: Għal min jixtieq, kull ħarġa dejjem tkun disponibbli f'verżjoni diġitali fuq www.stgeorge.org.mt u www.facebook.com/stgeorge.org.mt.

INFORMAZZJONI

IL-BELT VICTORIA hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI

Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
*Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-Bord Editorjali*

FOTOGRAFIJA

Joe Attard, Toni Farrugia, Andrew Formosa, Joseph J.P. Zammit

KUNTATT

Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, il-Belt Victoria VCT 1200, Għawdex
www.stgeorge.org.mt | Leħen il-Belt Victoria, 104FM

# XI JRID JGĦIDILNA L-MULEJ?



MESSAĠĠ

L-Arċipriet Joseph Curmi

**Is-sitwazzjoni preżenti**

F'Marzu 2020, sewwasew fl-ewwel jiem tar-Randan, ir-rota mgħaġġla ta' ħajjitna sfrenata waqfet ħesrem u bħal donnu dħalna f'ħolma twila mingħajr ma nemmnu li din hi r-realtà l-ġdida. Din ir-realtà ġabet magħha ħafna tbatija fuq livelli differenti. U aħna bħala bnedmin ippruvajna nsolvu kollox bil-mekkaniżmi tas-soltu, bil-loppju ta' illużjonijiet li bħal logħob tal-azzard jittamawk imma fl-aħħar tinduna li iktar ħadulek milli tawk.

**Ir-reazzjonijiet**

L-ewwel reazzjoni hi dik tal-ħtija: xhur sħaħ infittxu l-ħati ta' dan il-gwaj li ġie fuqna. U miskin min ilaqqatha, għax jerfa' fuqu l-istmerrija u l-istigma ta' kulħadd. Kulħadd sar jibża' u fl-istess nifs kulħadd sar tal-biża'. Iżda meta kulħadd beda ftit jew wisq jintmess, f'moħħna bdejna nittamaw fis-soluzzjonijiet tas-soltu. U iva, issa jgħaddilna! Dak daqt isibu soluzzjoni ta' vaċċin! Soluzzjonijiet superstizzjużi u maġiċi. Sas-sajf neħilsu, sal-Milied neħilsu, sa sena oħra neħilsu. Imma kollha rriżultawna bħala tamiet fiergħa għaliex il-mistoqsija hi żbaljata. Forsi wasal iż-żmien li nedukaw il-mistoqsija u mhux tant immorru għal soluzzjonijiet biex nerġgħu lura fejn konna.

**Il-Kelma ta' Alla**

Għandna raġun nemmnu li Alla u l-qaddisin jeħilsuna. Imma tgħid minn xiex għandna ninħelsu? X'inhu l-ħażin li qed ikiddna? Lejn fejn qed imexxina l-Mulej? Fil-Vanġeli nsibu ħafna drabi fejn il-Mulej ifejjaq. Nindunaw li l-iktar fejqan li jinteressa lill-Mulej mhux dak tal-problemi fiżiċi. Hu jaf li f'ħajjitna aħna kapaċi nibqgħu fil-qoxra u ngħixu sempliċiment nimmaniġġjaw kriżi wara l-oħra, minn waħda ħerġin u f'oħra deħlin. Hu jaf li aħna nimlew il-vojt tiegħu b'ħafna imbarazz.

**L-ebusija tal-qalb**

U hawn fejn tidħol it-tama Kristjana. U din trid tkisser l-ebusija tal-qalb tagħna li taħseb li taf x'inhi r-rieda ta' Alla. Għax jiġri ħafna drabi li lil Alla nagħmlulu bħalma nagħmlu lill-allat foloz ta' ħajjitna: inpoġġu bħala rieda tiegħu tweġibiet li jagħtina moħħna. U hekk l-għażliet tagħna jkunu magħmula fuq rieda żbaljata. U xħin ifallu, nitħawdu u nerġgħu nfittxu tama temporanja oħra. It-tama Kristjana hi bħal boxxla li, meta tafdaha, taf tbiddillek id-direzzjoni tal-ħsieb u l-għemil. Jeħtieġ nindunaw li hemm bżonn ta' relazzjoni ma' Kristu biex ma npoġġux bħala rieda tiegħu dak li hu biss rieda u gost tagħna. U hekk it-talb tagħna wkoll jiġi edukat lejn il-mistoqsija: Min int, Mulej? Xi trid, Mulej?

**Il-ħajja ġdida**

Il-qtigħ ta' qalb m'għandux l-aħħar kelma. Meta wieħed jagħraf u jgħix il-pjan ta' Alla f'ħajtu jkun f'postu b'mod profond. Il-fidi mhix loppju imma tfejjaq b'mod profond. Il-fidi mhix ħarba li tnessik it-tbatija, imma hi mod kif anki t-tbatija ssir mezz ta' salvazzjoni. Hu ta' importanza kbira li bil-mod il-mod inkomplu ngħaqqdu l-komunità parrokkjali fi gruppi ta' katekeżi mdawra mal-Kelma ta' Alla. Hi xewqa kbira li kull persuna tħossha responsabbli li, wara li tiskopri lil Kristu, teżor ta' veru, tagħmel minn kollox biex taqsmu mal-oħrajn.

Għal dan il-għan fil-Parroċċa tagħna għandna diversi gruppi u mumenti li fihom fi gruppi żgħar tiġi studjata l-Kelma ta' Alla fid-dawl tal-esperjenzi tal-bniedem. Iżda hi xewqa kbira li nkomplu naħdmu biex il-liturġija tal-Ħadd fil-quddies kollu tkun waħda ħajja u organizzata. Hu ta' importanza kbira li ngħinu lil xulxin niskopru Alla kif iridna niksbu l-ferħ f'din l-epoka li qed ngħixu.

**Pjan providenzjali**

Hu ta' ferħ kbir għalina li f'din l-aħħar sena nistgħu ngħidu li l-pandemija ma ħallitniex reqdin, iżda nħema pjan providenzjali biex jgħinna nsibu lil Kristu fil-fqir. Il-proġett *Fejn hu ħuk?* qed ikun għodda providenzjali biex niltaqgħu ma' Kristu qalb l-uġigħ. Bħala parroċċa qed immissu temi u ninteressaw ruħna f'persuni u kategoriji li qed ibatu. Il-Vanġelu dwar dan ikellimna ċar: Kristu jinsab *hemm*.

Nixtieq xi mument nirrakkontalkom kemm esperjenzi sbieħ għaddejna minnhom, kemm persuni kellmuna biex jgħidulna li l-Mulej għamel il-ġid magħhom, kemm ħassewhom maħbubin! Nixtieq nirrakkontalkom kemm nies talbuna għajnuna għax raw fil-komunità tagħna ftit tama!

Il-ħajja fi Kristu kapaċi tagħmel frott fis-skiet. Iżda ż-żerriegħa trid taqa' fl-art u tmut. Imbagħad tkun kapaċi tħalli lil Alla jagħmel il-frott permezz tagħha. Jalla bl-għajnuna tiegħu nkomplu nagħrfu liema hi r-rieda vera tiegħu, għax dik biss tagħmlilna l-veru ġid sew fuq livell personali u sew fuq dak komunitarju parrokkjali.

KRONAKA



# ALBUM MILL-ĦAJJA PASTORALI

Settembru – Diċembru 2020

1. Wara xi xhur assenjat għal ħidma pastorali fil-Parroċċa tagħna, li kellu jagħlaqhom fil-qalba tal-pandemija, fis-sajf id-Djaknu Andrew Grima ngħata tislima mill-gruppi li ħadem qrib tagħhom, fosthom l-abbatini waqt barbikju fuq il-bejt tad-Dar Parrokkjali, fil-11 ta' Settembru.
2. Nhar is-Solennità tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika Ġorġjana, il-21 ta' Settembru, l-Isqof il-ġdid ta' Għawdex Anton Teuma ħa l-pussess bħala t-Tielet Dekan tal-Kolleġġjata, billi mexxa t-Tieni Għasar kif ukoll il-Pontifikal.
3. Il-Proġett parrokkjali *Fejn hu ħuk?* żvolġa permezz tal-ewwel tliet Opri tal-Ħniena li nfetħu b'ċelebrazzjonijiet separati fil-Bażilika, fis-17 ta' Ottubru (Il-Ħabsi), it-8 ta' Novembru (Il-Mejjet), u t-12 ta' Diċembru (Il-Barrani), u li għalihom ġew mistiedna wkoll kelliema esperti fl-oqsma rispettivi.
4. Il-Parroċċa ħadet sehem fl-inizjattiva *Il-Mixegħla tal-Qaddisin* organizzata mid-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex lejlet l-1 ta' Novembru. Fi Pjazza Indipendenza, iż-żgħażagħ tal-Grupp 23four iffurmaw bix-xemgħa x-xbieha ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel.
5. Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali beda mixja ta' formazzjoni b'laqgħat ta' kull xahar fis-Sala Parrokkjali, fejn il-membri qed jiġu mistiedna jirriflettu fuq x'inhi l-identità u l-missjoni ta' parroċċa llum.
6. Wara l-waqfa tas-sajf, kompliet il-Quddiesa għat-Tfal u l-Familji fil-Bażilika, nhar ta' Ħadd fl-10.00am, fejn it-tfal ġew mistiedna wkoll jieħdu sehem bil-mod tagħhom fil-Proġett *Fejn hu Ħuk?*
7. Minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija u biex aktar nies setgħet tattendi waqt li tinżamm id-distanza soċjali, din is-sena l-Quddiesa tal-Lejl tal-Milied saret f'żewġ ħinijiet differenti, u fit-tnejn li huma fetħet bil-Prietka tat-Tifel mill-abbati Kurt Vella.



2




3




4



1

8. Il-Pontifikal tal-Milied ġie mmexxi għall-ewwel darba mill-Isqof Anton Teuma bħala Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana.

9. L-Isqof Teuma fi ftit jiem wara l-Milied reġa' kien fil-Parroċċa biex mexxa l-Funeral ta' Mons. Kantur Karm Grech, fit-30 ta' Diċembru.

10. Il-komunità parrokkjali Ġorġjana għalqet is-sena 2020 mal-Kardinal il-ġdid Għawdxi Mario Grech, li qabel ħalla t-tmun tad-Djoċesi kien Dekan tal-Kolleġġjata tagħha, biċ-ċelebrazzjoni ta' Pontifikal ta' Radd il-Ħajr immexxi minnu fil-Bażilika.


5


6


7


8


9


10

ATTWALITÀ



# "FEJN HU ĦUK?"

## IL-PROĠETT PARROKKJALI TAL-OPRI TAL-ĦNIENA

Antonella Zammit

L-ewwel darba li smajna b'dan il-proġett kien proprju fit-tielet Ħadd ta' Lulju, qabel intemm il-Pontifikal tal-Festa tal-kbir Martri ta' Kristu, Ġorġi tagħna! Dakinhar l-Arċipriet Joseph Curmi ħabbar li mal-bidu tas-Sena Pastorali 2020-2021 il-Parroċċa tagħna kienet se tvara proġett ambizzjuż, fejn tinvolvi possibbilment lill-familji kollha li huma jew iħossuhom parti minnha. Proġett ispirat mill-Vanġelu skont San Mattew 25:31-46. Proġett li jgħarbel sew u jpoġġi fil-prattika l-Opri tal-Ħniena. Proġett li l-konklużjoni tiegħu se jkunu sett ta' tmien pitturi li jimlew żewġ koppletti fil-Bażilika tagħna. Dakinhar ħadd ma fehem eżatt x'ser jiġri u fiex ser ikun jikkonsisti dan il-proġett, imma tqanqlet ċerta kurżità fost ħafna preżenti u mill-ewwel kien hemm rispons tajjeb għas-sejħa.

Ix-xogħol ta' *brainstorming* u tħejjija beda eżatt mill-għada tal-Festa. L-Arċipriet naturalment kien ilu jaħmi dan il-proġett tul diversi xhur ta' qabel, imma dakinhar sejjaħ lilna, *core group* ta' erbgħa min-nies, totalment differenti minn xulxin, minn mixjiet ta' ħajja differenti, imma li lkoll għandna għal qalbna l-karità Nisranija. Dakinhar, u matul id-diversi laqgħat li bdew jinżammu ta' kull ġimgħa, ikkonkludejna li t-tmien Opri tal-Ħniena ser jinqasmu fuq medda ta' sentejn, erbgħa kull sena. Għal kull kategorija ta' proxxmu fil-bżonn se jiġu proposti sett ta' impenji konkreti, li kull familja Ġorġjana tiġi mħeġġa tieħu fil-konfront ta' ħutna.

**U l-Mulej qal lil Kajjin: "Fejn hu ħuk Abel?". U hu wieġbu: "Ma nafx. Jaqaw jien għassies ta' ħija?" (Ġen 4:9)**

L-għan ewlieni hu li, fuq it-tagħlim ta' Sidna Ġesù Kristu, il-komunità parrokkjali tagħna ma tibqax aktar indifferenti għall-mistoqsija ta' Alla l-Missier: "Fejn hu ħuk?", imma tersaq aktar qrib, tifhem, tempatizza u fuq kollox tħobb lill-proxxmu kollu, anki dak li mhux komdu għalina naċċettawh. "Ħobb lil għajrek bħalek innifsek" (Mk 12:31): hekk jgħidilna Ġesù fil-Vanġelu skont San Mark. Faċli ħafna tħobb, tirrispetta u tgħin lil min iħobbok lura, imma Ġesù mhux hekk biss ried ifisser meta għallimna dan il-kmandament. Hu jistedinna nħarsu madwarna u nħobbu lil kulħadd, mingħajr differenzi, anki lil dawk ikkunsidrati l-iskart tas-soċjetà. Ma hemmx bżonn ta' ħafna kliem: l-eżempju ta' għemilu, kif irrakkontat f'diversi siltiet mill-evanġelisti u speċjalment is-sagrifiċċju finali tiegħu, hu biżżejjed biex nirrealizzaw li dan hu li għandu jagħtina l-identità ta' Nsara veri u fuq kollox jiftħilna l-bibien tal-grazzja ta' Alla fl-aħħar jum. Ġesù Kristu Sidna, għad li hu Alla, offra ħajtu stess għalina l-midinba, mitlufa fl-egoiżmu, ir-regħba, l-ossessjonijiet ta' poter u omnipotenza tagħna. Aħna sempliċement imħeġġa niftħu għajnejna u widnejna beraħ, u fuq kollox moħħna u qalbna għall-karba ta' ħuna l-ħabsi, il-mejjet abbandunat, il-barrani, id-dar naturali tagħna, l-imġewwaħ, l-għeri, il-marid u dak bil-għatx, u ma nibqgħux għaddejjin b'ħajjitna qisu ma jeżisti ħadd ħliefna, ma jimpurtaniex mill-għawġ ta' ħaddieħor. Dan għandna nagħmluh bi gratitudni lejn dawn ħutna ħafna inqas ixxurtjati minna. Huma t-triq tagħna għal għand il-Missier. "Tassew, ngħidilkom, dak li ma għamiltux ma wieħed minn dawk iż-żgħar, anqas miegħi ma għamiltuh. U dawn imorru fit-tbatija ta' dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem" (Mt 25:46).

X'sar sa issa? Qabelxejn sar u għadu għaddej kontinwament xogħol kbir fil-qasam tal-midja, grazzi għal voluntiera Ġorġjani professjonisti f'dan il-qasam, biex kull kategorija ta' nies, minn tfal sa anzjani, jiġu milħuqa, mgħarrfa u involuti f'din l-inizjattiva.




**"Kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni" (Mt 25:36)**

Iċ-Ċelebrazzjoni fil-Bażilika li tat bidu għal din is-sejħa ta' Kristu, u lill-proġett kollu, inżammet nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru 2020. Dakinhar Patri Hayden Williams OFMCAP, Kappillan tal-Ħabs, u s-Sur Randolph Spiteri, Assistent Direttur, tawna titwila f'Kordin permezz ta' diskorsi mqanqla u wrewna kif u għaliex għandna nħobbu lil ħutna l-ħabsi u l-vittma. L-Arċipriet imbagħad ħeġġeġ lill-miġemgħa preżenti u dawk li kienu qed isegwu fi djarhom biex jaddottaw finanzjarjament u spiritwalment ħabsi u vittma. Dan l-appell ġie megħjun minn ktejjeb ippubblikat apposta mill-Parroċċa,

li tqassam dakinhar, ma' kull bullettin fid-djar tal-familji Ġorġjani, kif ukoll tħalla fil-Bażilika f'riġlejn *set-up* simboliku li flimkien mal-istatwa ta' Kristu l-marbut u fflaġellat fuq il-presbiterju serva ta' ispirizzjoni għall-komunità parrokkjali kollha. Il-ktejjeb kien jinkludi sett ta' profili ta' ħabsin u vittmi fittizji, imma li Patri Hayden realment jiltaqa' magħhom ta' kuljum fil-ħabs, biex nieħdu idea ta' kemm hu faċli li flok dak ħuk jew oħtok li hemm il-ħabs illum, u l-vittmi tagħhom, tista' tkun int, ibnek, missierek, zitek. Iqanqlu wkoll fina sens ta' empatija u mħabba li jwassluna naċċettawhom u ngħinuhom billi nidħlu fi skema ta' miżata żgħira fix-xahar għall-bżonnijiet materjali tagħhom. Kull min daħal għal dan l-impenn ġie mogħti ktieb ta' talb, b'talba differenti kuljum, indirizzata lejn il-bżonnijiet spiritwali tal-vittmi, ħabsin, u min jieħu ħsiebhom fil-ħabs.



**"Ma tafux li l-iġsma tagħkom huma parti mill-ġisem ta' Kristu?" (1 Kor 6:15)**

'Idfen il-mejtin' hija t-tieni Opra tal-Ħniena li ntgħażlet għal din is-sena. Din id-darba l-Parroċċa nfisha, ispirata mit-tagħlim tal-Knisja, u t-twemmin li kull bniedem, hu min hu, jistħoqqlu difna dinjituża b'komunità li tħobbu u tibqa' titlob għalih wara mewtu, daħlet għal impenn, anki flimkien mad-Djoċesijiet ta' Malta u Għawdex, li titlob l-iġsma tal-persuni abbandunati fil-friża tal-isptar għal aktar minn sitt xhur, biex minflok id-difna mgħaġġla li l-Istat ġa qed joffri, inġibuhom fostna, isirilhom funeral fil-Bażilika, jindifnu fl-oqbra tagħna u jiffurmaw parti mill-katina tal-erwieħ tal-familji tagħna u nitolbu għalihom ta' kuljum fil-quddies. Għal dan il-għan, kif ukoll b'servizz lejn il-familji Ġorjani li ma għandhomx qabar privat fejn jidfnu lil nieshom, u b'hekk jirrikorru għal dawk tal-Parroċċa, dawn l-oqbra matul is-sentejn li ġejjin ser ikunu qed jitnaddfu, jitranġaw strutturalment, kif ukoll estetikament b'disinn modern, kif jixraq lill-erwieħ tagħna.

Matul iċ-Ċelebrazzjoni fil-Bażilika, nhar is-7 ta' Novembru, Dun Renè Camilleri, Kappillan fl-Isptar Mater Dei, poġġiena ftit fiż-żarbun ta' min imut waħdu, speċjalment f'dawn iż-żminijiet ta' pandemija, kif ukoll għenna nifhmu aħjar l-importanza tal-ministeru tal-konsolazzjoni kemm għal min ikun ser iħalli din id-dinja u kemm għall-familjari tagħhom. Mill-banda l-oħra, Dr Christopher Barbara, Ċermen tad-Dipartiment tal-Patoloġija u responsabbli mill-Mortwarja, tana stampa ċara tal-identitajiet varji u taċ-ċirkusatanzi li jistgħu jwasslu biex ġisem mejjet ta' individwu jibqa' abbandunat l-isptar mingħajr ħadd ma jiġi jfittxu. Spjega wkoll b'mod ċar il-proċess ta' kif imbagħad dan issirlu difna ta' malajr mill-Istat. Il-ktejjeb li tqassam din id-darba laqqagħna ma' profili ta' mejtin abbandunati







li jeħtieġu l-impenn tagħna lkoll parruċċani fil-konfront tagħhom. Fid-dawl ta' dan kollu, l-Arċipriet ħeġġeġ lil kull min jista' biex jagħti donazzjoni għal fond ta' flus li se jservi biex jinżammu funerali xierqa, kif ukoll isir quddies għal dawn l-erwieħ abbandunati.

L-aħħar impenn ser ikun miftuħ għal dawk kollha li jixtiequ jagħtu l-kontribut tahom fil-'Ministeru tal-Konsolazzjoni tal-Parroċċa'. Fil-fatt, tħejja seminar professjonali – is-Sibt 6 u 20 ta' Frar fid-Dar tal-Irtiri Manresa – bis-sehem ta' Dun John Vella, Dr Benna Chase u Dun Anthony Bajada, biex jiġu mħarrġa voluntiera mill-Parroċċa f'dan il-qasam.

**"Kont barrani u lqajtuni" (Mt 25:35)**

Din l-Opra tal-Ħniena, ikkontemplata u proposta għal żmien il-Milied, meta niċċelebraw it-twelid tal-Barrani, Ġesù Tarbija, laqqgħetna, permezz ta' stejjer fil-ktejjeb, u ser tkompli tifttħilna għajnejna fix-xhur li ġejjin, permezz ta' intervisti qosra fuq il-midja tal-Parroċċa, mad-diversi ħutna, ħafna drabi mwarrba u mistkerrha mill-komunitajiet tagħna, minħabba reliġjon, kulur tal-ġilda, orjentazzjoni sesswali, pajjiżi differenti minn tagħna, kif ukoll forsi għax



fiżikament jew mentalment diżabbli jew għajjiena, u ħafna oħrajn.

Peppi Azzopardi, pjunier fost dawk li jilqgħu fi djarhom immigranti irregolari wara vjaġġi ta' xhur sħaħ ta' tbatija fiżika u mentali, tana rendikont emozzjonali ħafna tas-sodisfazzjon kbir li tħoss kull meta tilqa' barrani u tħobbu daqslikieku kien ħuk. Miegħu kompla Mons. Isqof Anton Teuma, li umilment irrakkontalna, permezz ta' esperjenza personali, kif kulħadd f'xi ċirkustanza jew oħra tul ħajjitna nistgħu nkunu jew inħossuna barranin, u s-sens ta' gratitudni li nħossu meta f'dawn il-każijiet niġu aċċettati u megħjuna. Iċ-Ċelebrazzjoni dakinhar, 12 ta' Diċembru, baqgħet għaddejja b'mument ta' adorazzjoni, qrar u quddiesa għad-dawl tax-xemgħa fejn l-Arċipriet talab għal dawk kollha li huma jew iħossuhom barranin anki fost nieshom stess, għal immigranti li frott ħafna tbatija f'pajjiżhom jirriskjaw ħajjithom biex forsi jsibu tama f'art barranija, u fl-aħħar nett għalina lkoll parruċċani biex negħlbu fina l-biża' li ħafna drabi jxekkel ir-rieda tajba tagħna u jżommna milli nifttħu qalbna għal dawn ħutna differenti minna. L-Arċipriet ippropona impenn lill-komunità Ġorġjana biex, barra għajnuna materjali taħt is-Siġra tal-Karità, nieħdu sehem fin-Novena tal-Milied, din is-sena bit-tema tal-Barrani, u aktar tard matul ir-Randan nattendu bi ħġarna għal Seminar edukattiv dwar l-Immigrazzjoni Irregolari.

Bdejna... imma għad hemm ħafna xi jsir! Qabelxejn inħeġġu lill-qarrejja u l-parruċċani kollha li forsi għal xi raġuni jew oħra għadhom ma tantx huma familjari ma' dan il-proġett biex jitolbuna aktar tagħrif u informazzjoni. Kotba kemm tal-profili edukattivi u kemm ta' talb li ġie propost għal kull Opra ta' Ħniena baqgħalna, u nieħdu gost ngħadduhomlkom. Inkella forsi tixtiequ tieħdu impenn minn dawk imsemmija. Dan tistgħu tagħmluh billi ċċemplu l-Uffiċċju Parokkjali fuq 21556377 jew inkella fuq 79900234. Tistgħu wkoll issibu l-Paġna *Fejn hu ħuk? Parroċċa San Ġorġ* fuq Facebook fejn hemm il-materjal kollu ta' proposti u tagħlim miġbur, u tikkuntattjawna hemm.

*"Jekk tiġġudika l-proxxmu, ma jibqagħlekx ħin tħobbu" (Madre Tereża ta' Calcutta).*



ATTWALITÀ

# MONS. ISQOF ANTON TEUMA

## IL-PUSSESS TAT-TIELET DEKAN TAL-KOLLEĠĠJATA ĠORĠJANA

It-Tnejn 21 ta' Settembru 2020 ħabat il-265 anniversarju mid-Dedikazzjoni tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Din il-festa, li hi meqjusa bħala jum għeluq snin il-knisja, din id-darba kienet waħda iktar sinifikanti għall-komunità parrokkjali tagħna, peress li ntgħażlet biex nharha jieħu l-pussess tiegħu bħala t-Tielet Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana l-Isqof il-ġdid tad-Djoċesi ta' Għawdex, l-E.T. Mons. Anton Teuma, ikkonsagrat f'Awwissu.

Id-Digriet *Etsi Deus* tat-twaqqif tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ, ippromulgat mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi fit-8 ta' Diċembru 1975, jirriserva għall-Isqof djoċesan l-ewwel u l-ogħla dinjità tal-Kapitlu, jiġifieri dik ta' Dekan. Għalkemm mhuwiex marbut li jattendi mal-kanonċi l-oħra għas-servizzi korali, l-Isqof jippresiedi numru ta' quddies fil-festi liturġiċi ewlenin li jiġu ċċelebrati fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fosthom xi solennitajiet Lateranensi ċċelebrati f'dan il-grad minħabba l-aggregazzjoni spiritwali mal-Katidral tal-Papa f'Ruma. Dan l-arranġament juri wkoll ir-rabta sabiħa bejn ir-Ragħaj tad-Djoċesi u l-Parroċċa ta' San Ġorġ, miżmuma b'għożża minn tant isqfijiet, barra li fit-territorju tagħha wkoll għandha kemm il-Kurja Veskovili u kemm is-Seminarju tad-Djoċesi.

Għalhekk, fil-21 ta' Settembru, l-Isqof Anton mexxa t-Tieni Għasar tas-Solennità flimkien mal-Kapitlu, il-kleru u l-poplu, li fi tmiemu, liebes is-salib tal-Kolleġġjata mdendel mal-fettuċċa l-ħamra, huwa daħal u poġġa bilqiegħda fuq is-sedja tad-Dekan fil-Kor tal-Bażilika waqt li intona l-Antifona *Fundatus* u talab il-*Magnificantes*, il-Kolletta tal-Liturġija tal-Festa ta' San Ġorġ. Fuq din is-sedja, l-ewwel waħda fuq ix-xellug int u tħares lejn l-Altar tal-Kor (u faċċata ta' dik tal-Arċipriet), u mżejna bi drapp aħmar, hemm imdendla wkoll l-istemma episkopali tal-Isqof djoċesan, kif hemm ukoll fuq il-bieb il-kbir tal-Bażilika.

Wara din il-funzjoni qasira imma sinifikattiva li biha l-Isqof Anton Teuma ħa l-pussess bħala t-Tielet Dekan tal-Kolleġġjata – wara Nikol Ġ. Cauchi (1975-2005) u Mario Grech (2006-2020), huwa ppresieda wkoll il-Pontifikal Solenni tad-Dedikazzjoni. Miegħu kkonċelebraw l-Arċipriet Joseph Curmi kif ukoll l-Arċipriet ta' qablu Pawlu Cardona, flimkien mal-Kapitlu u l-kleru.

Wara l-kant tal-Innu Malti fl-okkażjoni tal-jum nazzjonali tal-Indipendenza, l-Arċipriet irringrazzja lid-Dekan il-ġdid b'dawn il-kelmiet: "Għall-grazzja ta' Alla, int parti minna. Meta trid, aħna nieħdu pjaċir bil-preżenza tiegħek, sew fit-talb tas-Salmi u sew fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Din hi komunità li tilqa', għax hi l-knisja tal-belt u tas-suq. U għalhekk, kun int ukoll parti minna, kun ir-ragħaj tagħna, u aħna nwegħduk li nimxu dejjem wara l-kelma tiegħek imnebbħa minn Alla".

F'kelmtejn konklużivi, l-Isqof Anton irringrazzja lill-Kapitlu tal-Kolleġġjata li laqgħu, u sellem lill-operaturi pastorali attivi fid-diversi organi tal-Parroċċa u preżenti għal dik il-quddiesa. "Ejjew ilkoll flimkien inkunu Knisja tassew, għax hekk inkunu nagħmlu servizz lilna nfusna u lil Għawdex tagħna".

Il-quddiesa għalqet billi, fi tmiem il-purċissjoni tal-kleru lura lejn is-sagristija, l-Isqof flimkien mas-saċerdoti waqaf quddiem l-istatwa titulari meqjuma fin-niċċa tagħha, fejn mexxa lill-ġemgħa fit-Talba lil Alla għall-interċessjoni ta' San Ġorġ.

Lill-Isqof Anton, Ragħaj tajjeb skont il-Qalb ta' Kristu, inwegħduh it-talb tagħna biex il-Mulej iseddaq fih id-doni ta' għalliem għaref tal-Kelma tiegħu, u ngħidulu li l-bibien tal-Bażilika Ġorġjana huma dejjem miftuħa beraħ biex minn fuq is-sedja tagħha – fil-qalba tad-Djoċesi u tal-gżira – huwa jista' jkompli jeżerċita l-ministeru tiegħu ta' Ragħaj.



ATTWALITÀ



L-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex
u Dekan tal-Kolleġġjata Urbana

# IT-TEMPJU HU MIN JISMA' L-KELMA TAR-RAGĦAJ

Omelija fis-Solennità tal-Anniversarju tad-Dedikazzjoni
u l-Pussess bħala t-Tielet Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana
*Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria*
*It-Tnejn 21 ta' Settembru 2020*



Il-Vanġelu tal-lum hu interessanti ħafna (Ġw 10:22-30). Kienet id-Dedikazzjoni tat-Tempju, jgħidilna San Ġwann, u kienet ix-xitwa. X'kienet din l-okkażjoni tad-Dedikazzjoni tat-Tempju? Kienet waħda mill-festi kbar tal-Lhud. Ir-Rabbini jżommuha bħala t-tieni festa wara l-festa tal-Għerejjex, il-festa tas-Sukkot. Il-festa tal-Għerejjex kienet issir fil-bidu tas-sajf, waqt illi din kienet issir fix-xitwa – fil-25 tax-xahar ta' Każlew, jew bejn wieħed u ieħor qrib il-Milied tagħna. Ix-xahar ta' Każlew huwa x-xahar ta' Diċembru. U x'kienu jfakkru l-Lhud permezz ta' din il-festa? Kienu jfakkru meta fis-sena 164 QK Ġuda l-Makkabew kien reġa' rebaħ it-Tempju ta' Ġerusalemm. X'kien ġara?

Madwar għaxar snin qabel, Antijoku IV, li kien wieħed mid-dixxendenti ta' Alessandru l-Kbir, mis-Sirja daħal fl-art ta' Iżrael, ħakimha u pprova jdawwarha f'reliġjon tal-Griegi, fil-mentalità Ellenistika. Lit-Tempju ta' Ġerusalemm għamlu tempju ddedikat lill-alla Żeus, li huwa l-alla l-kbir fost il-ħafna allat tal-Griegi. U jgħidilna l-Ktieb tal-Makkabej li għamel xi ħaġa tassew kerha li tissejjaħ fl-Iskrittura l-aktar ħaġa mistkerrha – abominju (ara 1 Makk 1:54). Għaliex saret offerta fuq l-altar li s-soltu fuqu s-saċerdoti joffru s-sagrifiċċju lil Alla, Jaħweh; saret offerta kbira lil dan l-alla Żeus, l-alla tal-Griegi. L-ewwel kien hemm wieħed Ażmonew jismu Mattatija illi beda bil-mod il-mod ixerred mill-ġdid il-mentalità Ġudajka, b'tali mod illi dan Ġuda l-Makkabew, permezz ta' armata li kienet magħmula minn nies li ma kinux kapaċi, irnexxielu jirbaħ mill-ġdid lit-Tempju ta' Ġerusalemm u jerġa' jikkonsagrah, proprju fil-25 tax-xahar ta' Każlew, jew ta' Kiżlew kif isejħulu l-Lhud.

U f'din il-festa x'kienu jagħmlu l-Lhud? Kienu jixegħlu mixegħla kbira. Kienu jixegħlu l-lampadarji l-kbar illi kienu l-karatteristika tas-Sukkot, il-festa tal-Għerejjex. U allura l-Lhud permezz ta' din il-festa reġgħu kkonsagraw it-Tempju lil Alla, reġgħu daħħlu l-mentalità ta' reliġjon Ġudajka fl-art ta' Iżrael. Il-Grieg Antijoku kien saħansitra għamel ġinnasju – parti mit-Tempju kien biddlu f'post fejn isir il-ġlied, fejn iż-żgħażagħ Lhud u Griegi kienu jitħarrġu flimkien biex ikabbru s-saħħa tagħhom u jkunu dimostrazzjoni tal-potenza tal-ġisem kif jarawh u jimmaġinawh il-Griegi.

Nistgħu ngħidu li aħna llum fis-seklu 21 qegħdin nerġgħu xi ftit ngħixu din il-mentalità. Il-kultura tar-reliġjon u tal-fidi qiegħda kulma jmur timmaterjalizza u tissekolarizza ruħha. U forsi aħna wkoll għandna bżonn li nerġgħu nikkonsagraw mill-ġdid it-tempju, imma bir-riskju illi ġarrbu l-istess Lhud. Għax meta kkonsagraw mill-ġdid it-Tempju ta' Ġerusalemm, x'għamel Ġuda? Issegregah aktar, qatgħu aktar min-nies, għamlu aktar xi ħaġa weħidha. Fejn qabel fil-Qaddis tal-Qaddisin kien jidħol aktar minn darba fis-sena s-saċerdot, issa, minn Ġuda l-Makkabew 'il quddiem, is-saċerdot kien jidħol darba f'sena. Sintendi kienet reazzjoni naturali u normali ħafna għal dak l-abominju li kien sar, dik id-diżordni li kienu għamlu l-Griegi fit-Tempju ta' Ġerusalemm.

U dan huwa r-riskju tagħna wkoll, li Ġesù fil-Vanġelu tal-lum iħabbar, ixandar u jgħallem kontra tiegħu. Għaliex it-Tempju ta' Ġerusalemm kien preżenza ta' Alla, kien id-dar tal-poplu, imma l-poplu kien maqtugħ għalkollox minn Alla. Alla kien maqful fil-Qaddis tal-Qaddisin, f'dan l-armarju 'l ġewwa nett, fil-kamra ta' ġewwa nett tat-Tempju, u n-nies u l-poplu kienu maqtugħa għalihom. U dan huwa r-riskju li nistgħu nġarrbu aħna wkoll illum. Huwa riskju kbir illi l-Knisja, il-fidi tagħna tista' ġġarrab meta nistgħu

nimmaġinaw b'mod żbaljat illi l-fidi hija magħmula għal ftit nies, illi Alla mhux ta' kulħadd, illi Alla huwa tagħna biss, ta' dawk li ma għandhomx x'jagħmlu, illi Alla lill-bniedem tal-lum ma jgħidlu xejn.

U allura x'jiġri? Jiġri bil-maqlub ta' dak li kien ġara fi żmien Epifanju. X'għamlu l-Lhud? Eżaltaw u eżaltaw u reġgħu eżaltaw it-tempju tal-ġebel, għax dik hija d-dar ta' Alla, u kważi kważi mhux aktar id-dar tan-nies, id-dar tal-poplu. Qatgħu għalkollox lil Alla mill-poplu.

Imma Ġesù huwa l-Messija, huwa Alla f'nofsna, Alla magħmul bniedem. Ġesù huwa t-tempju l-ġdid, id-dar il-ġdida ta' Alla u tal-bniedem. U jixtieq Ġesù illi aħna ħutu wkoll inkunu din id-dar il-ġdida fejn jgħammar Alla u wkoll fejn jgħammar bil-ħila u fil-milja kollha tiegħu l-bniedem. Nistaqsuh lil Ġesù: Kemm se ddum taqlgħalna qalbna! Għidilna jekk intix il-Messija jew le, għidilna jekk intix id-dar ta' Alla u d-dar tal-bniedem, għidilna jekk intix Alla magħmul bniedem f'nofsna. U Ġesù ma jirrispondix direttament. Imma jirrispondi b'mod indirett. Jirrispondi għalija u għalik. U jgħidilhom lil-Lhud, kif jgħid lilna: "In-nagħaġ tiegħi jisimgħu leħni". U Ġesù jagħmel sintesi bejn id-desakrazzjoni tal-Griegi u s-sagralizzazzjoni esaġerata illi għamlu l-Lhud tat-Tempju. U t-Tempju jerġa' jieħu l-identità vera tiegħu.

U x'inhi din is-sintesi? Hi meta Ġesù qal li n-nagħaġ tiegħu jisimgħu leħnu. Kif jien u int inkunu tempju ta' Alla u tempju tal-bniedem fil-milja tiegħu? B'liema mod inti tkun bniedem sħiħ, u Alla jgħammar fik bl-ikbar milja tiegħu? B'liema mod Alla jista' jinkarna fik? Imma fija? Iva, fik! Int ukoll Messija. Int ukoll midluk – *masah* – biż-żejt tal-Griżma, biż-żejt tal-Magħmudija. Inti wkoll preżenza ta' Alla. Inti wkoll preżenza tal-bniedem. Imma kif se ngħixuha din?

Qalilna Ġesù fil-Vanġelu: "In-nagħaġ tiegħi *jisimgħu leħni*". Kemm nisimgħu leħnu. Kemm nisma' l-Kelma ta' Alla. U hekk inti ssir tempju, mhux biss ta' Alla, imma anki tal-umanità. U jkompli Ġesù: "In-nagħaġ tiegħi jisimgħu leħni, *u jiena nagħrafhom*". Lil min jagħraf Ġesù? X'jiġifieri li tagħraf? Tagħraf ifisser, fi kliem l-Iskrittura, tidħol f'intimità kbira ma' xi ħadd. Lil min jagħraf Ġesù? Jagħraf lilna meta nisimgħu l-kelma tiegħu, minn fuq l-ambone, fil-knisja, jew fid-dar tagħna, jew fil-laqgħa li fiha mmorru. Nippruvaw nixtarruha, inħalluha tinżel mhux biss fil-widnejn tagħna, imma fil-moħħ tagħna, fil-qalb tagħna. Nippruvaw inħalluha



toħroġ fl-għażliet tagħna, fid-deċiżjonijiet tagħna. U b'dak il-mod aħna nsiru intimi mal-persuna ta' Ġesù. Hu jagħraf lilna u aħna nagħrfu lilu.

U kif ikompli Ġesù? "In-nagħaġ tiegħi jisimgħu leħni, u jien nagħrafhom, u huma *jimxu warajja*". Is-sintesi tal-Knisja. Aħna li nisimgħu l-kelma ta' Ġesù, li nidħlu f'relazzjoni intima miegħu, u li allura nistgħu nissejħu tassew dixxipli tiegħu. Veri dixxipli tiegħu. Nies li jimxu wara l-Imgħallem tagħhom. U jkompli Ġesù: "*u jien nagħtihom il-ħajja*" – il-ħajja fil-milja tagħha, il-ħajja mhux biss umana. Min jimxi wara Ġesù huwa bniedem tassew, huwa bniedem ta' veru. Imma mhux biss, min jimxi wara Ġesù għandu l-ispirtu ta' Alla fih, huwa tempju ta' Alla, kif qalilna San Pawl. U mbagħad nistgħu nagħtu s-sinifikat ta' veru lil dan it-tempju tal-ġebel. Għaliex min jagħtihielu t-tifsira lill-ġebel? Min jiddesakrah lill-ġebel? Min ma jħallihx aktar qaddis? Jew min iqisu bħala d-dar vera ta' Alla u d-dar vera tal-bniedem? Min jekk mhux jien, jekk mhux int… jekk mhux il-moħħ u l-qalb tagħna… jekk mhux il-mod ta' kif nirraġunaw… jekk mhux il-mod ta' kif inkunu dixxipli ta' Ġesù?

Allura l-festa tagħna, il-festa ta' din il-knisja, hija l-festa ta' kull wieħed u waħda minna. Ejjew niġġeddu, proprju f'dan l-ispirtu tas-smigħ tal-Kelma. Ejjew nixxennqu għas-smigħ tal-Kelma. Ser nibdew is-Sena Pastorali. Jalla kull dixxiplu jista' jgħid tassew dak li qal Ġesù għan-nagħaġ tiegħu: "In-nagħaġ tiegħi jisimgħu leħni", jisimgħu l-Kelma tiegħu. Mhux qed ngħidha jien din, jew xi ħadd mis-saċerdoti tagħkom, imma jgħidha Ġesù. Jekk aħna rridu nkunu nagħaġ tiegħu, irridu nisimgħu leħnu. Ma hemmx mod ieħor. Biex tkun nagħġa ta' Ġesù, biex tkun Kristjan, trid tisma' leħnu. U hu jagħrafna u aħna nagħrfu lilu. Nidħlu f'intimità miegħu. U mhux biss. Nimxu warajh. Inkunu veri dixxipli tiegħu. U ħadd minna ma jintilef, anzi jkollna l-ħajja u l-ħajja bil-kotra.



ATTWALITÀ



# IL-KARDINAL MARIO GRECH U L-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ (2005-2020)

Samuel Aquilina

Minħabba l-pożizzjoni ġeografika u l-importanza storika tagħha, sa mit-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex fl-1864, il-Parroċċa ta' San Ġorġ gawdiet minn rabta speċjali mal-Isqfijiet Djoċesani. Fil-fatt, l-ewwel Isqof ta' Għawdex, Mons. Mikiel Franġisk Buttigieg, kien parroku San Ġorġ. Ir-rabta ta' bejn San Ġorġ u l-Isqfijiet ta' Għawdex mhix biss storja – xi ħaġa tal-passat – imma hija wkoll realtà ħajja fil-ġurnata tal-lum. L-erbatax-il sena tal-Kardinal Mario Grech bħala Ragħaj spiritwali tad-Djoċesi huma xhieda ta' dan.

Ir-rabta ta' Mario Grech ma' San Ġorġ ma bdietx mal-episkopat tiegħu. Fil-fatt, dakinhar tal-pussess tiegħu bħala Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, huwa stess stqarr: "Inħossni *at home*". Dan għaliex din ma kinitx l-ewwel darba li żar il-Bażilika ta' San Ġorġ. Proprju ftit xhur qabel ġie nnominat Isqof mill-Papa Benedittu XVI, Mons. Grech, li dakinhar kien il-Kappillan tal-Parroċċa Ta' Kerċem, għamel l-omeliji tat-Tridu bi tħejjija għall-Festa Titulari ta' San Ġorġ tal-2005.

Iż-żjajjar ta' Mons. Grech tul l-uffiċċju tiegħu bħala Isqof ta' Għawdex kienu ta' diversi ġeneri. Naturalment, ta' kull sena kien iżur il-Bażilika għall-Festa ta' San Ġorġ, kemm dik liturġika li tiġi ċċelebrata f'April u kemm dik titulari ċċelebrata f'Lulju. Żjajjar oħra kienu dawk marbuta mal-uffiċċju tiegħu bħala Dekan tal-Kolleġġjata u wkoll dawk ta' natura pastorali u sagramentali. Barra minn dawn kien hemm ukoll diversi żjajjar f'okkażjonijiet straordinarji u attivitajiet kulturali.

Bit-twaqqif tal-Kulleġġ tal-Kanonċi permezz tad-digriet *Etsi Deus* tal-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, datat fit-8 ta' Diċembru 1975, ir-rabta bejn San Ġorġ u l-Isqfijiet ta' Għawdex ġiet imsaħħa. Dan għaliex l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi rriserva għalih u għas-suċċessuri tiegħu l-Isqfijiet Djoċesani l-ewwel u l-ogħla dinjità fi ħdan il-Kolleġġjata l-ġdida: dik ta' Dekan. Għaldaqstant, bħala t-tmien Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech kien ukoll it-tieni Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana. Il-pussess tiegħu sar il-Ħadd 5 ta' Frar 2005.


Żjara mhux mistennija wara l-Pontifikal tal-Ewwel tas-Sena, 01.01.2006.


Laqgħa mat-tfal tal-Parroċċa fl-ewwel Żjara Fraterna tiegħu, 03.02.2006.


Pussess bħala t-tieni Dekan tal-Kolleġġjata, 05.02.2006.


Pussess tal-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, 04.11.2007.



Tberik tal-Mużew Il-Ħaġar, 23.02.2013.



Fi djalogu mal-Prof. Oliver Friggieri
wara s-Seminar fuq it-Triq tal-Ġmiel, 03.05.2014.



Wasla tar-Relikwa ta' Driegħ San Ġorġ mill-Abbazija ta' San Giorgio Maggiore f'Venezja
fl-okkażjoni tal-Festi Speċjali tal-175 anniversarju mill-wasla tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ, 15.07.2014.

Għalkemm membru tal-Kapitlu Ġorġjan, l-Isqof Djoċesan mhuwiex obbligat jattendi għat-talb korali bħall-kanonċi l-oħra. Minflok, l-Isqof jippresiedi numru ta' servizzi ta' kull sena: quddiesa nhar is-Solennità tat-Twelid tal-Mulej, quddiesa fil-Vġili tas-Solennità ta' Marija Omm Alla, quddiesa fis-Solennità ta' Marija Omm Alla, quddiesa fis-Solennità tal-Epifanija tal-Mulej, quddiesa fis-Solennità tal-Għid il-Kbir, quddiesa fis-Solennità Liturġika ta' San Ġorġ, quddiesa u purċissjoni fil-Kwaranturi Solenni, it-Translazzjoni tar-Relikwa u l-Ewwel Għasar fil-Vġili tas-Solennità Titulari ta' San Ġorġ, quddiesa u purċissjoni fis-Solennità Titulari ta' San Ġorġ, quddiesa fis-Solennità tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej, quddiesa fis-Solennità tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika, u quddiesa fis-Solennità tad-Dedikazzjoni tal-Arċibażilika tal-Lateran.

L-Isqof Grech ma żarx il-Bażilika biss meta mitlub minnu bħala Dekan tal-Kolleġġjata. Bħala Isqof ta' Għawdex, ta' kull sena kien jamministra s-sagrament tal-Konfermazzjoni lill-adolexxenti tal-Parroċċa. Diversi drabi fl-ewwel snin tiegħu amministra wkoll is-sagramenti tal-Ewwel Qrara u l-Ewwel Tqarbina lit-tfal tal-Parroċċa. Barra minn hekk għamel ukoll bosta żjajjar oħra, laqgħat mal-gruppi tal-Parroċċa u anki prietki fl-eżerċizzi tar-Randan. Fil-15 ta' Novembru 2015 fetaħ Viżta Pastorali fil-Parroċċa Ġorġjana permezz ta' quddiesa.

Matul iż-żmien tiegħu bħala Isqof ta' Għawdex, ħatar żewġ Arċiprieti għall-Bażilika ta' San Ġorġ. Fl-4 ta' Novembru 2007 ta l-pussess tal-Parroċċa lil Mons. Pawlu Cardona. L-Arċipriet preżenti, Mons. Joseph Curmi, ingħata l-pussess nhar il-11 ta' Diċembru 2016.



Fil-laqgħa tal-Kor Laudate Pueri mal-Papa Franġisku f'Ruma, 05.01.2014.



Pussess tal-Arċipriet Mons. Joseph Curmi, 11.12.2016.



Quddiesa pontifikali tal-Festa liturġika ta' San Ġorġ, fi żmien il-pandemija tal-Covid-19, 23.04.2020.



Żjara bħala Kardinal fl-aħħar tas-sena, 31.12.2020.

Kien hemm diversi okkażjonijiet straordinarji oħra li għalihom attenda l-Isqof Grech. Nhar il-5 ta' Ġunju 2007 mexxa t-Translazzjoni tar-Relikwa tal-ewwel qaddis Malti, San Ġorġ Preca, l-ewwel fil-Bażilika Ġorġjana u mbagħad lejn il-Knisja Katidrali. Fit-3 ta' Mejju 2014, f'rabta mal-festi speċjali tal-175 anniversarju mill-wasla tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ, għamel id-diskors tal-għeluq ta' seminar dwar il-"*Via Pulchritudinis*, it-Triq tal-Ġmiel". Dakinhar filgħaxija mexxa wkoll it-Translazzjoni tar-Relikwa ta' San Ġorġ u l-Ewwel Għasar tas-Solennità Festiva (li kienet ġiet ittrasferita minħabba l-Għid). Fl-istess festi speċjali, nhar il-15 ta' Lulju 2014, Mons. Grech mexxa t-Translazzjoni minn Triq ir-Repubblika lejn il-Bażilika, tar-Relikwa ta' Driegħ San Ġorġ, li nġabet mill-Abbazija ta' San Giorgio Maggiore f'Venezja. Fis-Sena Ġubilari tal-Ħniena l-Parroċċa organizzat l-ewwel pellegrinaġġ penitenzjali tagħha fis-17 ta' Ġunju 2016, lejn il-Bieb tal-Ħniena tas-Santwarju Ta' Pinu. Fi tmiem il-pellegrinaġġ, l-Isqof Grech għadda messaġġ lill-parruċċani. F'rabta wkoll mas-Sena tal-Ħniena mexxa pellegrinaġġ għall-katekisti, nhar it-30 ta' Ottubru 2016, mill-Bażilika lejn il-Knisja Katidrali.

L-Isqof Grech żar il-Parroċċa Ġorġjana wkoll waqt attivitajiet kulturali u artistiċi. Fil-15 ta' Lulju 2006 Mons. Grech kien preżenti għaċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-orgni mekkaniku Ingliż li jinsab fis-sagristija tal-Bażilika. Bierek it-Tabernaklu ġdid tal-fidda fil-Kappella Neo-Biżantina nhar il-15 ta' Lulju 2007. Attenda għall-kunċert li sar fil-Bażilika mill-Cappella Musicale Pontificia Sistina fl-24 ta' April 2006. Fit-23 ta' Frar 2013 l-istess Kor Pontifiċju għamel kunċert ieħor fil-Bażilika li għalih attenda wkoll l-Isqof Grech. L-għada saret l-inawgurazzjoni tal-Mużew Il-Ħaġar, li ġie mbierek minn Mons. Grech. Kien ukoll preżenti fil-Bażilika ta' San Pietru meta l-Kor Laudate Pueri tal-Parroċċa tagħna kanta fil-Liturġija Papali ta' nhar l-Epifanija, fil-5 ta' Jannar 2014.

Fit-2 ta' Ottubru 2019, il-Papa Franġisku ħatar lill-Isqof Grech bħala Segretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet. Aktar tard, fit-28 ta' Novembru 2020, l-istess Papa għamlu Kardinal waqt Konċistorju. Għalkemm il-Kardinal Grech m'għadux l-Isqof ta' Għawdex, dan ma jfissirx li r-rabta tiegħu ma' San Ġorġ intemmet. Huwa għamel l-ewwel żjara uffiċjali tiegħu fostna bħala Kardinal fil-31 ta' Diċembru 2020. Wara li ġie milqugħ mill-Kapitlu fil-bieb tal-Bażilika, għamel l-ingress u bierek il-ġemgħa miġbura, ippresieda l-Ewwel Għasar tas-Solennità ta' Marija Omm Alla u wara mexxa Konċelebrazzjoni Solenni bil-kant tat-Te Deum. F'dik l-okkażjoni l-Arċipriet offrielu album ta' ritratti taż-żjajjar ewlenin li hu għamel fil-Parroċċa tagħna, li għażla minnhom qed tidher ma' dan l-artiklu.

Il-Parroċċa Ġorġjana għandha tassew għaliex trodd ħajr lill-Mulej li wieħed minn ulied id-Djoċesi, it-tieni Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, ġie magħżul biex ikun daqshekk qrib ta' Pietru fil-Kulleġġ Kardinalizju. Filwaqt li nawguraw lill-Kardinal Grech fil-missjoni li l-Mulej għoġbu jafdalu, nitolbu lill-Mulej għalih bl-istess kliem tal-Iskrittura Mqaddsa: "Jixħet il-Mulej id-dija ta' wiċċu fuqek, u jurik il-ħniena! Iħares lejk il-Mulej bi mħabba, u jagħtik is-sliem!" (Num 6:25-26).





# "FRATELLI TUTTI"

## ENĊIKLIKA SOĊJALI TAL-PAPA FRANĠISKU

Il-Kan. Dr Joseph Zammit

L-Enċiklika *Fratelli tutti* hi meqjusa dokument soċjali, u bir-raġun, għax il-Papa Franġisku fiha juri kemm hu konxju mill-problemi kbar li fid-dinja jmissu mill-qrib u fil-fond id-dinjità ta' kull bniedem u allura r-relazzjonijiet b'saħħithom bejn il-bnedmin. Dan kollu fuq livell personali, familjari u globali. Dak li hu makrokożmiku jibda minn dak li hu mikrokożmiku. Il-karità tibda mid-dar! Mhux biss jagħti ħarsa lejn dak li forsi mhux kulħadd jaf iħares lejh, jew għax distratt u ma jittendix, jew għax ma jimpurtahx, mogħmi fl-egoiżmu tiegħu, imma l-Papa Franġisku jindika linji ċari, realistiċi u effettivi kif il-bniedem u għalhekk id-dinja li jgħix fiha jistgħu u għandhom jinqalgħu mill-*impasse* li fih jinsabu ladarba l-Vanġelu mhux qed jiġi kkunsidrat, Vanġelu li hu l-ktieb l-iktar soċjali; il-ktieb li, jekk tagħsru, ma toħroġx għajr il-kelma *mħabba*: "Agħtu u jingħatalkom, kejl mibdud u marsus sewwa jitqiegħed fi ħdankom" (Lq 6:38).

Imsejsa fi tmien kapitli, l-Enċiklika timxi pass pass biex twassal għal tama ta' dinja ġdida, fl-istmerrija tal-inġustizzja, l-iktar dnub li donnu jisfigura l-wiċċ veru u sbejjaħ ta' Kristu li jilma f'kull wiċċ ta' bniedem, maħluq xbieha tiegħu, il-Verb etern, li fih il-Missier sab l-għaxqa.

Il-*leit motiv* li jgħaqqad kull proposta tal-Papa Franġisku huma l-"Ammonizzjonijiet" li Franġisku ta' Assisi kien diġà biex jindirizza lil ħutu filwaqt li jurihom kif għandhom jimxu fit-triq tal-ħajja mmarkata bit-tjubija tal-Vanġelu.

Il-fraternità u l-ħbiberija soċjali huma t-triqat li l-Papa jindika biex il-bnedmin ta' rieda tajba jistgħu jibnu dinja aħjar, iktar ġusta u fil-paċi. Dan, bis-sehem ta' kulħadd, popli u istituzzjonijiet, b'enfasi qawwija fuq *le* għall-gwerra u għall-indifferenza globalizzata. F'din il-mixja ta' rikonċiljazzjoni ma' Alla, mal-bnedmin u mal-ħolqien, ma tistax ma tidħolx il-koresponsabbiltà, tant nieqsa fid-dinja politika, nuqqas li deher bl-iktar mod ċar fil-pandemija li għaddejjin minnha bħalissa. It-triq għandha tkun id-djalogu, il-koperazzjoni ta' kulħadd, u l-metodu *standard* għandu jkun it-tagħrif ta' wieħed u l-ieħor.

Punti interessanti li jispikkaw fl-ittra tal-Papa Franġisku jistgħu jkunu dawn: id-dritt naturali tal-proprjetà privata huwa sekondarju għall-prinċipju tad-destinazzjoni universali tal-ġid; l-emigrazzjoni mhux neċessarja trid tiġi evitata, billi jinħolqu opportunitajiet konkreti biex wieħed jista' jgħix b'dinjità f'pajjiżu; il-politika tiċċentra fuq id-dinjità umana u mhux suġġetta għall-flus; il-Ġnus Magħquda għandhom jippromovu l-forza tal-liġi u mhux il-liġi tal-forza; għandu jitfaċċa fost il-popli l-miraklu tal-ħniena; il-maħfra ma tfissirx impunità imma tfisser ġustizzja u tifkira, għax li taħfer ma jfissirx li tinsa, imma li tirrinunċja għall-qawwa qerrieda tal-ħażin u tax-xewqa tat-tpattija; il-flus li jintefqu għall-armamenti tal-gwerra għandhom jinġabru f'fond globali għall-qerda tal-ġuħ fid-dinja; il-ħajja tal-bniedem għandha dejjem tiġi mħarsa għax ukoll qattiel qatt ma jitlef id-dinjità tiegħu ta' persuna; il-libertà reliġjuża, daqshekk f'riskju fid-dinja, hija dritt uman fundamentali għal kull min jemmen.



Fl-aħħar nett, wieħed ma jistax ma jinnotax ix-xenqa kbira u l-*input* enormi li l-Papa Franġisku jagħti b'kull mod biex jinqered il-ħażen li jeqred lill-bniedem u l-familja tal-bnedmin u jsawwar dik iċ-ċiviltà tal-imħabba awgurata mill-Papiet ta' qablu, ċiviltà li għandha tkun il-futur tad-dinja għax għaliha kienet imsawra mill-imħabba infinita ta' Alla.



# SAN ĠORĠ F'AL KHADER

## IL-KNISJA U L-MONASTERU F'BETLEHEM

Patri Noel Muscat OFM



Al Khader hu raħal Palestinjan xi 5 kilometri fuq ix-xaqliba tal-punent ta' Betlehem. Jintlaħaq faċilment meta wieħed jaqsam it-tul kollu tat-Triq ta' Ħebron, li minn Ġerusalemm twasslek Betlehem, fil-punt li fih it-triq tasal maġenb raħal ieħor Palestinjan, dak ta' Artas, fejn hemm il-famużi Menqgħat ta' Salamun u s-Santwarju tal-Madonna magħruf bħala *Hortus Conclusus* f'wied pittoresk u għammieli. Ir-raħal ta' Al Khader hu magħruf għall-Moskea ta' Al-Hamadiyya, imma fuq kollox għall-Monasteru Grieg-Ortodoss ta' San Ġorġ Martri, li ta l-isem lil dan l-istess raħal. Fit-tradizzjoni Musulmana tal-Palestina, l-isem *Al-Khader* jiġi applikat b'mod speċifiku għal San Ġorġ.

**Storja u isem tar-raħal ta' Al Khader**

Sejbiet arkeoloġiċi urew li dan is-sit kien diġà abitat fi żmien il-Kangħanin (seklu 11 QK). Ir-raħal issemma għal San Ġorġ, li fil-kultura Musulmana hu magħruf bħala "al-Khadr" (il-ħaddâri), jiġifieri ż-żagħżugħ li jixrob l-ilma tal-ħajja u jgħix rebbieħ. Il-Monasteru ta' San Ġorġ ifakkar it-tradizzjoni lokali li trid li f'dan ir-raħal San Ġorġ kien inżamm marbut bil-ktajjen qabel ma ttieħed Lidda għall-martirju tiegħu, wara li kien ġie lura mill-bajja ta' Dbayyeh, qrib Bejrut, fil-Libanu, fejn hemm tradizzjoni qawwija li f'dik ix-xtajta kellu l-famuża ġlieda kontra d-dragun infernali biex isalva l-ħajja tat-tfajla prinċipessa, waqt li affronta lill-għadu riekeb fuq żiemel abjad, simbolu tar-rebħa ta' Kristu Rxoxt (Apok 6:2: "U jien ħarist, u ara, ġie żiemel abjad, u dak li kien riekeb fuqu kellu qaws, u ngħatatlu kuruna; u ħareġ hu, rebbieħ, biex ikompli jirbaħ"). Din it-tradizzjoni Palestinjana hi differenti minn dik mgħoddija lilna minn Jacobus de Voragine fil-*Legenda aurea*, li tgħid li San Ġorġ qatel id-dragun f'Silene, qrib Leptis Magna, fil-Libja.





Raffigurazzjoni tal-Martirju ta' San Ġorġ.

Fl-era Kruċjata (1099-1291) dan ir-raħal kien jissejjaħ *Casale Sancti Georgii*. Kien ingħata minn Geoffrey de Tor bħala parti mill-proprjetà tal-Knisja tan-Natività f'Betlehem bejn l-1227 u l-1266. Fl-1421 il-vjaġġatur John Polner isemmi din il-Knisja ta' San Ġorġ bħala li tinsab fuq għolja qrib Betlehem.

Id-Dumnikan Żvizzeru Fra Felix Fabri, li żar l-Art Imqaddsa fl-1480-1483, jagħtina din l-informazzjoni fid-djarju tiegħu dwar il-Knisja ta' San Ġorġ ta' Al Khader: "Rajna knisja f'nofs din il-wita, u ħaffifna biex narawha. Din hi l-Knisja ta' San Ġorġ il-Martri. Dħalna fiha, għidna t-talb tagħna u rċevejna l-indulġenzi għal seba' snin. Maġenb il-knisja kien hemm darba monasteru kbir ta' rħieb, imma issa jinsab imġarraf. Għad fadal biss gorboġ ċkejken imiss mal-knisja, li fih jgħixu żewġt irħieb Griegi. F'dan il-post il-martri San Ġorġ ittieħed priġunier u rabtuh bil-ktajjen minħabba l-fidi tiegħu fi Kristu; hu kien ġie mill-Kappadoċja lejn is-Sirja, fejn kien qatel id-dragun qrib Bejrut, u minn dak il-post ivvjaġġa lejn il-Lhudija, fejn inqabad priġunier u ttieħed Lidda, fejn imbagħad irċieva l-martirju. Qrib il-knisja hemm post mimli ġebel, li fih hemm blata iebsa u wiesgħa, li fiha dawk l-irħieb urewna l-marki tan-nagħal taż-żiemel, daqslikieku dik il-blata kienet xi darba ratba u rċeviet il-marki ta' żiemel li kien għadda minn fuqha. Huma jgħidu li dawn il-marki ġew stampati b'mod mirakoluż fuq il-blata miż-żiemel ta' San Ġorġ. Meta rajna dawn il-marki rġajna dħalna għad-dell tal-knisja, u dawk iż-żewġt irħieb ħarġu katina, li huma ddikjaraw li kienet l-istess waħda li biha ġie marbut San Ġorġ. Aħna bisna l-katina, u dawwarnieha ma' għonqna bħala sinjal ta' devozzjoni. Is-Saraċini wkoll iqimuha, kif ukoll il-marki taż-żiemel fuq il-blata, u xi mindaqqiet dawk li jkunu morda fost is-Saraċini jiksbu fejqan meta jmissu din il-katina. Tabilħaqq, l-Orjentali kollha juru qima speċjali lejn San Ġorġ fuq il-qaddisin l-oħrajn kollha, u wieħed jista' jgħid li l-knejjes kollha tax-xiżmatiċi huma ddedikati lilu" (Felix Fabri, *Evagatorium in Terræ Sanctæ, Arabiæ et Egypti Peregrinationem*, translated by A. Stewart [Palestine Pilgrims' Text Society], London 1893, Vol. II, Part II, 203-204).



Il-Katina ta' San Ġorġ.

Fl-epoka Ottomana (1516-1917) Al Khader kien raħal li kien jiddependi mix-Xiħ (Sheik) ta' Bani Hasan, taħt it-tmexxija tal-Familja Al-Walaja. L-esploratur Ingliż Edward Robinson fl-1838 jgħid li l-abitanti tar-raħal kienu Musulmani. Fl-1870 il-fdalijiet tal-monasteru Grieg kienu qed jintużaw bħala kenn għall-morda mentali. Lejn tmiem is-seklu 19 il-Palestine Exploration Fund, fis-*Survey of Western Palestine*, iddeskriviet Al Khader bħala raħal kbir li fih knisja u kunvent Griegi, imdawwar minn dwieli u siġar taż-żebbuġ, u minn oqbra mħaffra fil-blat fuq ix-xaqliba tat-tramuntana. Kellu popolazzjoni mħallta ta' Musulmani u Griegi-Ortodossi.

Matul il-perjodu tal-Mandat Ingliż (1922-1948) ir-raħal ta' Al Khader kien kważi kollu Musulman, kif baqa' sal-lum. Minkejja dan, il-Knisja Griega Ortodossa hi proprjetarja ta' ħafna art għammiela ta' dwieli u siġar taż-żebbuġ, li ilhom f'idejha minn żmien il-Kaliff Omar ibn al-Khattab, li rebaħ il-Palestina mill-Biżantini fis-sena 638.

Fil-perjodu tal-ħakma Ġordana (1949-1967) Al Khader għadda taħt it-tmexxija tar-Re tal-Ġordan, imma wara l-Gwerra tal-1967 ġie okkupat minn Iżrael. Illum il-ġurnata partijiet mit-territorju ta' Al Khader ittieħdu minn Iżrael biex jibnew l-insedjamenti ta' Efrata u Neve Daniyyel.

Fit-tradizzjoni Musulmana, Khidr jew al-Khidr hu qaddej ġust ta' Allah li għandu għerf u għarfien kbir. Hu jissemma fil-Koran, imma mhux direttament. Jidher bħala qaddej ta' Allah li għandu għarfien mistiku, bħala messaġġier, profeta, kif ukoll anġlu, li jgħallem għerf moħbi u jgħin lil dawk li huma fil-hemm. Dan il-persunaġġ misterjuż jiġi assoċjat fl-Iżlam ma' diversi figuri, fosthom ma' San Ġorġ (fl-Asja Minuri u l-Palestina) u ma' San Ġwann Battista (fl-Armenja). Fuq il-Ħaram ax-Sharif ta' Ġerusalemm, qrib il-Moskea ta' Al Aqsa u l-Koppla tal-Blata (il-Koppla tad-Deheb), hemm koppla żgħira magħrufa bħala l-Koppla ta' al-Khidr. Fit-tradizzjoni Persjana al-Khidr jidher maġenb il-profeta Elija, waqt li dawn it-tnejn jitolbu f'Ġerusalemm.



Il-Knisja ta' Al Khader minn ġew.

**Il-Knisja u l-Monasteru ta' San Ġorġ f'Al Khader**

L-istudjuż Denys Pringle, f'*The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem: A Corpus*, Volum 1 [A-K (Excluding Acre and Jerusalem)] (Cambridge University Press 1993, 295-296), jgħidilna li r-raħal ta' Al Khader ingħata lill-Knisja ta' Betlehem minn Goeffrey de Tor, nobbli ta' Ġerusalemm, li għex fi żmien il-Kruċjati (1155-1186), meta r-raħal kien jismu *Casale Sancti Georgii*. Il-proprjetà kienet inkluża fid-dominji tal-Papa Girgor IX fl-1227 u ta' Klement IV fl-1266. Dokument anonimu Grieg tas-seklu 13 jiddokumenta li "wara Beit Jala, wieħed jista' jżur il-Knisja tal-Kbir Ġorġ; fiha hi mħarsa l-katina li kienet tqiegħdet fuq dahru" (*Patrologia Greca* CXXXIII, 891). L-awtur imbagħad jgħid li żar din il-knisja Felix Faber, u jikkwota x-xhieda ta' dan il-pellegrin Dumnikan, li rajna aktar 'il fuq. Meta żar il-knisja Edward Robinson f'Mejju 1838, sab li din kienet ġiet mibdula f'moskea mill-abitanti tar-raħal, li dak iż-żmien kienu kollha Musulmani. Imma fl-1897 reġgħet għaddiet f'idejn il-Knisja Griega-Ortodossa u nbniet mill-ġdid fl-1912.



Il-lanza ta' San Ġorġ.

Il-knisja attwali hi ta' forma kwadra, u għandha koppla fiċ-ċentru li hi mibnija fuq erba' pilastri rettangolari. Jidher li l-knisja nbniet fuq l-istess struttura u pedamenti tal-Knisja Medjevali ta' San Ġorġ ta' żmien il-Kruċjati.

Minn ġewwa l-knisja hi ddekorata b'affreski u ikoni fuq stil Biżantin. F'nofs il-koppla hemm il-figura ta' Kristu Pantokrator. Hemm rappreżentazzjonijiet ta' San Ġorġ fuq żiemel abjad u tal-martirju tal-qaddis, liebes tonka ħamra. Ma tonqosx l-ikona ta' San Ġorġ, meqjuma f'din il-knisja, flimkien mar-relikwa tal-katina li biha ġie marbut, li huma meqjumin dejjem, mhux biss mill-Kristjani Griegi-Ortodossi, imma saħansitra mill-Musulmani, l-aktar nhar il-festa ta' San Ġorġ Martri, li fil-Kalendarju Ġuljan segwit mill-Ortodossi hi ċċelebrata fis-6 ta' Mejju, li jikkorrispondi għat-23 ta' April tal-Kalendarju Gregorjan segwit minna l-Kattoliċi.





# OPRI ĠODDA U OĦRAJN TA' RESTAWR

Andrew Formosa

Dawn l-aħħar xhur fil-Bażilika rajna diversi proġetti ta' restawr, tiġdid, kif ukoll opri ġodda.

Wara li kien ilu jinħass il-bżonn ta' umbrellun ġdid, tlesta x-xogħol fuq żewġ umbrelluni biex jintużaw f'diversi funzjonijiet differenti, b'wieħed minnhom irrakkmat li jintuża fil-Festa ta' San Ġorġ f'Lulju u ieħor f'funzjonijiet oħra matul is-sena.

Wara nuqqas ta' snin, ġew irrestawrati u armati l-brazzi l-qodma tal-Konsagrazzjoni. Dawn intramaw għas-Solennità tad-Dedikazzjoni, fejn sar ukoll il-Pussess ta' Mons. Isqof Anton Teuma bħala Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana.

Is-settijiet ta' gandlieri ta' matul is-sena fuq l-Altari ta' San Ġużepp, San Mikiel, San Pawl u Santa Katarina sarilhom ir-restawr, *polishing* u *lacquering*.

Sar ukoll restawr fuq il-lampieri tal-fidda tal-Festa tal-Kappelluni ta' San Lazzru u tal-Erwieħ, wara li dawn ġarrbu xi ħsarat.

Saru wkoll l-akkwist u r-rinnovazzjoni ta' velumeral antik irrakkmat fuq lama bajda, velumeral antik irrakkmat fuq lama safra, kif ukoll akkwist ta' buqar antik tal-fidda.

Sar restawr tal-girlanda antika tal-fjuri ta' fuq il-pedestall tal-istatwa ta' Ġesù u Marija, kif ukoll ta' leġiju antik.

Dawn ix-xogħlijiet kollha jsiru b'dedikazzjoni minn numru ta' voluntiera li jieħdu ħsieb li jsiru proġetti ġodda u restawr ta' oġġetti fi ħdan il-Parroċċa. L-appell imur ukoll lil dawk kollha li bid-donazzjonijiet tagħhom jagħmlu possibbli li dawn il-proġetti jsiru.







SAN ĠORĠ



Patri Ġorġ Attard OFMCONV

# DONNUS ANTONIUS MAHANUC

## QASSIS MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ, BENEFATTUR KBIR GĦALL-PATRIJIET TA' SAN FRANĠISK

Sa ftit ilu, kull min kiteb dwar l-oriġni tal-Patrijiet ta' San Franġisk f'Għawdex, kien isib ruħu fil-baħħ meta jiġi biex jitkellem fuq l-ewwel Patrijiet li rifsu l-gżira tagħna. Patri Arthur Saliba OFMCONV m'ilux tana ħjiel ta' min kien l-ewwel patri Sqalli li ġie mibgħut iwaqqaf il-kunvent ta' Għawdex. Patri Arthur jgħid li l-Provinċja ta' Sqallija, fil-Kapitlu ta' Agrigento, nhar id-29 ta' Marzu 1478, iddeċidew jibagħtu missjoni Malta, biex jaraw il-possibbiltajiet li jerġgħu jxettlu l-preżenza tal-Franġiskani fl-arċipelagu Malti. Għalhekk Patri Franġisk Scalisi, flimkien ma' Patri Mattew Piscopo (Malti, anzi Għawdxi) u Patri Ġlormu Sfragaru, Sqalli wkoll, intbagħtu jesploraw it-territorju Malti. Patri Franġisk Scalisi, Superjur tal-Missjoni, ġie mogħti l-permess biex jaċċetta vokazzjonijiet ġodda, benefiċċji u donazzjonijiet, f'isem l-Ordni Franġiskan.

Milli sirna nafu issa, grazzi għall-Arkivju Notarili ta' Malta, immexxi minn Dr Joan Abela, bl-għajnuna (kif tgħid hi stess) tas-Sur Victor Bonnici (u dan nista' nikkonfermah jien, għax li kieku ma kienx għalih, aktarx li għadni qed infittex dan l-imbierek testment!), instab dokument ta' interess kbir għalina l-Patrijiet ta' San Franġisk. Għad li fil-pubblikazzjoni ta' dan id-dokument ma tantx saret enfasi fuq il-fatt li l-Kunvent ta' San Franġisk huwa mibni fuq proprjetà ta' qassis mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, imma llum nikkonfermaw li kien *Don Antonius Mahanuc* li laqa' l-Patrijiet f'Għawdex u tahom fejn joqogħdu sakemm jinbena l-Kunvent. Fil-fatt it-tradizzjoni dejjem kienet tgħid li l-ewwel patrijiet kienu jgħixu fl-għerien li kienu jeżistu mas-sies tal-blat, li kienu wkoll proprjetà ta' Dun Anton Mahanuc. Dan kollu joħroġ mit-testment li Dun Anton għamel fuq is-sodda tal-mewt nhar l-24 u l-25 ta' Jannar 1486. Dun Anton iħalli bħala eżekuturi tat-testment lill-Kappillan Dun Luqa Gadivara, u lil Patri Mattew Piscopo li kien jiġi neputih. Omm Patri Mattew kienet tiġi oħt Dun Anton.



Dwar Dun Anton għadna nistgħu ngħidu ftit li xejn. Il-kunjom Mahanuc sa ftit snin ilu kien għadu jeżisti bħala laqam f'Għawdex. Diversi pubblikazzjonijiet isemmu li Dun Anton kien xhud f'xi proċess quddiem il-Qorti tal-Isqof, flimkien mal-Kappillan Dun Luqa Gadivara. Imma bla dubju l-att nobbli li għamel fit-testment mhux biss jiżboq kull ħidma li għamel f'ħajtu. It-testment huwa wkoll frott talli laqa' għandu lill-Patrijiet ta' San Franġisk u ħallielhom ir-raba' jew art magħrufa dakinhar bħala 'Tal-Midfuna' jew 'tal-bitħa'. Tal-Midfuna, għax kif jindika l-Kabrew stess (u dwar dan jien stess kont ktibt fil-Ktieb tal-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni), meta ġew il-Patrijiet kien diġà jeżisti ċimiterju barra l-ħitan tal-belt ta' Għawdex. Fil-fatt, konna ktibna wkoll dwar is-Salib tal-Pjazza li, kif naqraw fil-Kabrew, kien jindika ċ-ċimiterju li kien jeżisti fiż-żona. Is-salib, li kien fejn hu llum, kien ħdejn il-ħruġ ta' Putirjal, il-bieb tal-belt.

Biex insaħħu dan mhux biss għandna l-istoriċi ta' beltna, imma saħansitra d-dokument tal-Vatikan fl-1492 fejn il-poplu ta' Għawdex jagħmel talba lill-Papa Alessandru VI biex jagħtihom il-grazzja jilqgħu fosthom lill-Patrijiet ta' San Franġisk, u se jagħtuhom post sagru (referenza għaċ-ċimiterju li kien ġa jeżisti) u li se jibnulhom dormitorju, u jagħtuhom kulma jkollhom bżonn biex ikomplu jissaħħu fil-fidi.

Imma mhux biss. Il-Provinċjal ta' Sqallija, Patri Ġakbu de Leo, minn Palermo, talab lill-istess Papa Alessandru VI biex jagħtih permess iwaqqaf Komunità ta' Aħwa Franġiskani f'Għawdex, u tant irnexxiet il-missjoni fil-gżejjer Maltin li talab ukoll li jirrestawra l-Komunità tar-Rabat ta' Malta, li kienet tħalliet f'idejn it-terzjarji għal tant snin, u li issa liberament ser jagħtu lura lil patri ċittadin tal-gżira, li ma

jista' jkun ħadd ħlief Patri Mattew Piscopo. Kienet fil-fatt din il-frażi mid-dokument tal-Vatikan li wasslitni nifhem li dan Patri Mattew huwa Malti. Minn hemm bdejt nirsisti biex nikseb kopja tat-testment li dwaru kienet kitbet Dr Abela.

F'dan it-testment, Dun Anton Mahanuc iħalli flus għal San Ġorġ; jgħabbi lill-Kappillan li għandu jsirlu xahar Gregorjan; quddiesa fl-Ottava (it-tmien jum mill-mewt); quddiesa f'għeluq l-erbgħin jum li għaliha jkunu mistiedna l-qassisin kollha; flus għar-restawr tal-Knisja ta' San Ġakbu; flus għar-restawr tal-Knisja u l-Kunvent ta' Santu Wistin.

Lil San Franġisk iħallilu wkoll l-għalqa ta' 'taħt is-sies', fejn kienu jeżistu l-għerien, li kien biegħ lil Anton Saliba bil-patt li jgħaddi nofsha lill-Patrijiet u mid-dħul tal-bqija kellhom jitħallsu xi spejjeż skont it-testment.

Hu jħalli wkoll flus għall-bini ta' knisja f'Ruma li dak iż-żmien kienet għadha qed tinbena, wara li fl-1470 seħħet ġrajja li wasslet lill-poplu jiddeċiedi jiġbor biex jibni Knisja lil Santa Marija tal-Konsolazzjoni.

Forsi l-kurżità tegħleb lilkom ukoll li tkunu tafu x'ġara biex anki Dun Anton baqa' impressjonat dasqshekk. Fl-inħawi kienet teżisti l-Forka. Kien post xejn sabiħ. Kienu jgħallqu lil dawk iġġustizzjati. Darba kien hemm bniedem minn familja magħrufa u tat-tajjeb. Imma hu kien iġġustizzjat għax fi ġlieda qatel lil xi ħadd. Ħaduh għall-forka li messet lilu wkoll. Fit-testment ħalla li ibnu l-werriet kellu jagħmel xbieha tal-Madonna u titqiegħed quddiem il-forka, biex min tkun messitu dik ix-xorti jkun jista' jagħmel xi talba u jsib xi konsolazzjoni mill-Verġni Omm Alla. Hekk, fuq kummissjoni ta' ibnu Ġakbu, saret it-tpinġija ta' Santa Maria della Grazia u tqiegħdet f'niċċa mħaffra f'ħajt, faċċata tan-niżla minn Campidoglio. Illum il-Madonna hi magħrufa bħala Santa Maria della Consolazione u minnha jieħdu isimhom knisja u sptar iddedikati lilha.

Fl-1470 ġara li s-sentenza tal-forka messet lil wieħed żagħżugħ. Hu baqa' jgħid li kien innoċenti, u ommu qisha d-Duluri tibki u tolfoq għal binha. Iż-żagħżugħ waqt li qed iqegħdulu l-ingassa jisma' lill-Madonna tgħidlu biex ma jibżax għax mhu se jiġrilu xejn. Kif neħħewlu l-parank minn taħtu, l-ingassa għafset fuq geddumu u ma mietx. Il-forka darba tmissek, għalhekk kellhom iħalluh liberu.

Iż-żagħżugħ mar ħdejn ommu li bla dubju kienet storduta bid-dulur. Tgħidx kemm ferħet meta ħaddnet lil binha mill-ġdid, u li kien għadu ħaj! Wara ftit jiem din l-omm bdiet kampanja ta' ġbir ta' flus biex jibnu Knisja lill-Madonna tal-Konsolazzjoni. Ħafna kkontribwew, anzi ndaħlu anke xi sinjuri, u tant inġabru flus li bnew sptar ukoll, u ħallew it-tmexxija tiegħu f'idejn Konfraternità li kienet taf tmexxi istituzzjonijiet bħal dawn. Imbagħad il-forka ma baqgħetx issir hemm, iżda n-niċċa għadha teżisti sal-lum.

Milli jidher Dun Anton miet xi ġranet wara, u kif xtaq fit-testment, indifen fil-Knisja ta' San Franġisk. Bla dubju għadna rridu nkomplu nfittxu biex ikollna aktar dwar dan il-benefattur. Din l-istorja kienet minsija, mitlufa u reġgħet instabet. Min ifittex isib! Forsi xi darba anki nsibu xi figura (tpinġija) tiegħu. Nitlob lil sħabi l-Patrijiet ta' San Franġisk jagħmlu mafkar lil dan il-benefattur kbir Donnus Antonius Mahanuc, li, kif hemm miktub fit-testment, ried jindifen f'ġenb tal-Knisja ta' San Franġisk.



MILL-ARKIVJU



# TIEQA FUQ IL-QAGĦDA SOĊJALI TAL-PASSAT (2)

MILL-ARKIVJU TAL-PARROĊĊA (5)

Toni Farrugia

**Ommijiet li mietu wara l-ħlas**

Minbarra l-periklu ta' wlied li jmutu ta' età żgħira, dari kien hemm ukoll il-periklu li l-omm tmut wara l-ħlas. Dawn ta' hawn taħt huma ommijiet li mietu f'din iċ-ċirkustanza. It-tagħrif f'din il-kategorija jibda mis-sena 1863 (meta beda r-Reġistru Pubbliku), peress li sal-1950 il-kunjom tal-omm xebba ma kienx ikun irreġistrat (kif spjegajt fil-ħarġa preċedenti), u għalhekk ommijiet li mietu qabel is-sena 1863 ma humiex inklużi. Barra minn hekk, it-tagħrif jinkludi fih biss l-ommijiet li mietu sa ġimgħa wara t-twelid tat-tarbija, u jista' jkun li hemm iżjed ommijiet li mietu wara sebat ijiem tal-ħlas:

- Fis-07/11/1872 mietet Maria Josepha Borg, bint Salvator u Isabella Grima, ta' sitt ijiem, u erbat ijiem wara mietet ommha ta' 21 sena.
- Fit-18/03/1874 miet Aloysius Cini, iben Franciscus u Angela Curmi, ta' ħamest ijiem, u fl-istess ġurnata mietet ommu ta' 32 sena.
- Fl-24/01/1875 mietet Theresia Cremona, bint Joannes u Josepha Pace, ta' ġurnata, u l-għada mietet ommha ta' 22 sena.
- Fit-30/10/1890 miet Joseph Tabone, iben Michael Angelus u Annuntiata Camilleri, ta' 9 xhur, u l-għada mietet ommu ta' 28 sena.
- Fit-23/03/1895 miet Joseph Buttigieg, iben Franciscus u Gratia mwielda Buttigieg, ta' ġurnata, u fit-02/04/1895 mietet ommu ta' 40 sena (fir-Reġistru Pubbliku l-kawża tal-mewt irreġistrata bħala *enteritis*).
- Fit-13/08/1898 miet Georgius Bezzina, iben Salvator u Maria Antonia Borg, ta' ġurnata, u tlett ijiem wara mietet ommu ta' 28 sena.
- Fil-21/09/1898 miet Laurentius Cardona, iben Joseph u Antonia Cutajar, ta' sena u sitt xhur, u fl-istess ġurnata mietet ommu ta' 30 sena.
- Fit-22/08/1918 mietet tarbija tat-twelid ta' Emanuel Scerri u Vincentia Saliba, u erbat ijiem wara mietet ommha ta' 33 sena.

**Romol**

Is-servizzi soċjali f'Malta bdew fis-sena 1956 bil-promulgazzjoni ta' żewġ liġijiet ewlenin: l-Att dwar l-Assistenza Nazzjonali u l-Att dwar l-Assigurazzjoni Nazzjonali, u l-ħolqien konkorrenti tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Is-servizzi soċjali żdiedu konsiderevolment mis-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor 'l hawn. Kawża ta' hekk irġiel jew nisa li kienu jormlu kienu jerġgħu jiżżewġu, fil-każ ta' raġel sabiex ikollu lil min jgħinu fit-trobbija tat-tfal u fil-każ ta' mara sabiex ikollha l-għajxien. Sabiex forsi nikkonferma dak li qed ngħid, għamilt statistika (li m'iniex se nippubblikaha għal raġunijiet ta' spazju) li fiha stabbilejt li fl-1975 mietet l-aħħar mara li kienet miżżewġa aktar minn darba. Filwaqt li fis-sena 1977 mietu żewġt irġiel li kienu miżżewġa aktar minn darba, imbagħad wara 21 sena mietu erbat irġiel bejn l-1999 u l-2001 li kienu miżżewġa aktar minn darba. Għar-raġuni li semmejt fil-każ tal-ommijiet li mietu wara l-ħlas, dan it-tagħrif jibda mis-sena 1863.

Dawn huma l-irġiel u nisa li żżewġu aktar minn darbtejn:

- Fit-08/03/1880 miet Felix Mercieca ta' 82 sena, iben Michael u Maria (kunjomha ta' xebba mhux annotat), li kien ir-raġel ta' Maria Pace u l-armel ta' Maria Camenzuli u Angela Cini.
- Fil-21/03/1919 miet Nicolaus Bugeja ta' 83 sena, iben Fortunatus u Anna Azzopardi, ir-raġel ta' Carmela Grech u l-armel ta' Maria Formosa, Gratia Formosa u Anna Pace.
- Fl-24/09/1919 miet Michael Angelus Gatt ta' 80 sena, iben Joseph u Angela Stellini, li kien l-armel ta' Modesta Stellini, Carmela Debrincat u Maria Farrugia.
- Fid-09/12/1933 miet Philip Mifsud ta' 81 sena, iben Carolus u Consolata Galdes, ir-raġel ta' Joseph Gatt u l-armel ta' Maria Cutajar, Felicitas Mercieca u Maria



L-Isptar Victoria lejn l-1930. Ritratt: Mikiel Farrugia

Anna Gatt.

- Fl-20/01/1959 miet Carmel Cauchi ta' 81 sena, iben Aloysius u Theresa Camilleri, li kien ir-raġel ta' Maria Pace u l-armel ta' Maria Vella u Maria Gratia Parnis.
- Fis-16/03/1963 miet Aloysius Gatt ta' 61 sena, iben Joannes u Maria Antonia Grech, li kien ir-raġel ta' Maria Rosa Attard u l-armel ta' Maria Farrugia u Maria Dolores Mizzi.
- Fl-20/03/1973 miet George Cauchi ta' 85 sena, iben Francisus u Rosa Mercieca, li kien l-armel ta' Josepha Debattista, Maria Said, Angela Tabone u Maria Dolores Sultana.



George Cauchi romol erba' darbiet.

- Fil-05/06/1974 miet Carmel Saliba ta' 76 sena, iben Michael Angelus u Josepha Said, li kien ir-raġel ta' Maria Antonia Mizzi u l-armel ta' Dolores Muscat, Maria Micallef u Maria Antonia Mizzi.
- Fil-25/07/2001 miet Salvator Vella ta' 87 sena, iben Michael u Helena Pace, li kien ir-raġel ta' Dolores Portelli u l-armel ta' Maria Giovanna Vella u Carmela Vella

**Missier mhux magħruf**

Bejn l-1684 u l-1995 hemm 53 mewt ta' persuni li l-missier tagħhom irreġistrat bħala "Mhux Magħruf". Sas-snin sittin tas-seklu l-ieħor, kien diżunur għal familja jekk it-tifla kien se jkollha tarbija barra ż-żwieġ. Saħansitra kien hemm familji Maltin li kienu jibagħtu lit-tifla tgħix għal xi sitt xhur fl-Isptar ta' Għawdex biex tiled hawn, ħalli tkun 'il bogħod mill-għajn u n-nies ma joqogħdux jgħidu biha. Meta titwieled it-tarbija din kienet tittieħed f'istitut u forsi eventwalment tiġi addottata. Fis-sbatax-il sena li ilni arkivist kelli ħames każi ta' tali persuni li talbuni biex ngħinhom isibu lill-omm bijoloġika tagħhom. Minn dawn il-ħames każi rnexxieli nsolvi każ minnhom, u b'hekk l-omm u t-tifel ingħaqdu wara 55 sena.

Hemm ukoll 20 każ ta' mwiet fejn il-ġenituri ma kinux magħrufa, jiġifieri t-tarbija kienet abbandunata, bl-ewwel każ ikun fl-1693 u l-aħħar wieħed fl-1926.

**Tagħrif ieħor**

Fl-aħħar nett osservajt kemm il-mara ma kinetx stmata. Sa madwar is-sena 1905, jekk il-mejjet kien miżżewweġ



Reġistrazzjoni ta' Anton Calleja li miet ta' 102.

jew armel, ġeneralment kienu jkunu rreġistrati l-ġenituri tiegħu filwaqt li l-mara tiegħu ma kinetx tkun irreġistrata. Sa madwar is-sena 1893, jekk il-mejta kienet miżżewġa jew armla, ġeneralment kien ikun irreġistrat ir-raġel tagħha biss u l-ġenituri tagħha ma kinux irreġistrati.

L-ixjeħ persuni li huma rreġistrati huma Antonius Calleja li miet fl-20/05/1938 ta' 102 sena, u Maria Concepta Apap li mietet fit-30/03/2007 ta' 101 sena. Persuni oħra li mietu ta' mitt sena kienu Gratia Mercieca (21/01/1824), Maria Gauci (01/05/1823), Joseph Buttigieg (15/09/1934), Josepha Grech (18/08/1994), Giannina Cilia (09/03/1999), Concepta Borg (18/01/2005), u Maria Scerri (27/04/2015).




Santa qadima ta' mewt.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil Andrew Formosa u Carmel Grima li ħarġu l-istatistika sabiex stajt nikteb dan l-artiklu.

OBITWARJU



# ĦALLIENA UKOLL MONSINJUR KANTUR KARM GRECH



Dun Karm Grech, bin Wenzu u Carmela mwielda Gauci, twieled nhar is-Sibt 28 ta' Novembru 1931, il-Belt Victoria, Għawdex. Huwa studja fil-Liċeo u fis-Seminarju ta' Għawdex. Fil-15 ta' April 1956 ġie ordnat saċerdot minn Mons. Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex, fil-Katidral ta' Għawdex. Dakinhar flimkien miegħu ġew ordnati Dun Ġwann Scicluna (mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, 1931-2010), Dun Mikiel Borg (mill-Parroċċa tal-Assunta, 1924-1974), Dun Anton Meilak (mill-Parroċċa ta' San Pietu u San Pawl, 1930-2020), u Dun Albert Curmi (mill-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, 1929-2007).

Dun Karm għamel l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fis-6 ta' Mejju 1956. Għal din l-okkażjoni kien għamel l-omelija l-Arċipriet Mikiel Cefai (1899-1981). Hekk kif laħaq saċerdot, Dun Karm ġie maħtur Vigarju tal-Arċipriet Cefai, u aktar tard membru fil-Kunsill Presbiterali Djoċesan sa mill-bidu tiegħu. Barra l-ħidma ta' predikazzjoni u qrar, fil-parroċċa Dun Karm għamel ukoll xogħol ta' fejda fost it-tfal tal-Museum u għal sbatax-il sena kien direttur spiritwali fil-Leġjun ta' Marija. Flimkien ma' oħrajn huwa waqqaf u mexxa t-Teenagers Group f'Għawdex mill-1963 sal-1970. Ħadem fost iż-żgħażagħ permezz ta' konferenzi, korsijiet u l-pubblikazzjoni ta' fuljett bl-isem *Bejnietna t-Teenagers*.

Dun Karm għal bosta snin kien għalliem l-ewwel fl-iskejjel tal-Gvern il-Belt Valletta, u mbagħad fl-Iskola Sekondarja tal-Gvern għas-Subien f'Għawdex, fejn fost il-klassijiet fdati f'idejh kellu dik li kienet magħrufa bħala s-*Sixth Form*. Fiż-żmien li għamel f'din l-iskola okkupa l-kariga ta' *guidance teacher*. Wara Novembru 1984 kompla jagħti servizz bħala għalliem fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet, fejn inħatar ukoll Assistent Kap, u għal xi żmien kellu f'idejh it-tmexxija tal-iskola.

Meta l-Bażilika ta' San Ġorġ ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Kolleġġjata fl-1975, Dun Karm kien wieħed mill-ewwel membri tal-Kapitlu l-ġdid. Mas-servizz kapitulari li kien jattendi mingħajr nuqqas, lil Dun Karm niftakruh ukoll għas-servizz li kien jagħti ta' kuljum permezz taċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fis-6.30am fost il-ġimgħa u dik tas-6.00am kull nhar ta' Ħadd.

' min jgħid li fost l-oqsma ta' studju li Dun Karm kellu għal qalbu nsibu dak tal-psikoloġija kif ukoll ir-riċerka fil-qasam tal-istorja, speċjalment fejn tidħol dik ta' Għawdex u tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Xandar diversi artikli u xi kotba ta' natura storika. Fil-fatt, fl-1996 kien ippubblika l-ktieb *Il-Knisja Arċi-Matriċi tal-Belt u tal-Gżira ta' Għawdex* b'daħla miktuba mill-istoriku Patri Ġorġ Aquilina OFM. Permezz ta' dan il-ktieb Dun Karm fetħilna quddiemna waħda mill-paġni importanti mill-istorja bikrija ta' San Ġorġ ta' Għawdex.

F'Lulju 2009, Dun Karm flimkien mal-Kan. Saver Calleja ġew maħtura Kantur u Primiċerju tal-Kolleġġjata Ġorġjana rispettivament. Permezz ta' dokument maħruġ mis-Segretarija tal-Istat tal-Vatikan datat 29 ta' Settembru 2009, inħatru Kappillani tal-Qdusija Tiegħu bit-titlu ta' Monsinjuri. Iċ-ċerimonja saret il-Ġimgħa 27 ta' November 2009 fil-Kurja Veskovili, il-Belt Victoria, u tmexxiet minn Mons. Mario Grech, dakinhar Isqof ta' Għawdex. Fl-istess okkażjoni Mons. Pawlu Cardona, dak iż-żmien Arċipriet ta' San Ġorġ, skont prassi antika, ġie onorat bit-titlu ta' Prelat tal-Unur tal-Qdusija Tiegħu, filwaqt li Dun Feliċ Tabone u Dun Ġorġ Bezzina ngħataw it-titlu ta' Kappillani tal-Qdusija Tiegħu bit-titlu ta' Monsinjuri għas-servizz li taw lill-Knisja lokali.

Dun Karm miet f'00.05 tal-Ħadd 27 ta' Diċembru 2020, Festa tal-Familja Mqaddsa. Il-funeral tiegħu sar nhar l-Erbgħa 30 ta' Diċembru 2020, b'Konċelebrazzjoni funebri ppreseduta minn Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex, flimkien ma' sħabu l-Kanonċi tal-Kolleġġjata Urbana, saċerdoti tal-Parroċċa u għadd ta' saċerdoti oħra.

*Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*

# KRONAKA PARROKKJALI





## NIFIRĦU LIL...

- Bro Leli Gatt SDB, li fit-8 ta' Settembru fakkar l-40 anniversarju tal-Professjoni Reliġjuża tiegħu bħala Salesjan ta' Don Bosco.
- Il-Kan. Dr Joseph Zammit, li nhar il-Ġimgħa 20 ta' Novembru, f'ċerimonja li nżammet mill-Kunsill Lokali tal-Qala fil-Knisja arċipretali, ingħata Ġieħ il-Qala 2020.
- L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof emeritu ta' Għawdex u t-tieni Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, kif ukoll Segretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet, li nhar is-Sibt 27 ta' Novembru, fil-Konċistorju ordinarju li nżamm fil-Bażilika ta' San Pietru, Ruma, ġie kkreat Kardinal-Djaknu mill-Q.T. il-Papa Franġisku.
- Mons. Ġużeppi Gauci, li nhar il-25 ta' April 2020 iċċelebra l-55 anniversarju presbiterali tiegħu.
- Dun Renato Sammut, li fit-22 ta' Ġunju 2020, iċċelebra l-35 anniversarju presbiterali tiegħu.





## INSELLMU LIL...

- Il-Professur Oliver Friggieri (1947-2020), kittieb tal-poeżija u l-proża Maltija, filosfu, u kritiku tal-letteratura, li miet nhar is-Sibt 21 ta' Novembru, fl-età ta' 73 sena. Il-Prof. Friggieri ppubblika artiklu fir-raba' ħarġa ta' din ir-rivista, u kien ħabib tal-Parroċċa Ġorġjana. Fl-2014, ġie mistieden biex ikun il-kelliem ewlieni f'Seminar dwar it-Triq tal-Ġmiel, li nżamm fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia *(ara r-ritratt)*.
- Mons. Karm Grech (1931-2020), Kantur tal-Kolleġġjata Ġorġjana u riċerkatur tal-istorja tal-Parroċċa Ġorġjana, li miet nhar il-Ħadd 28 ta' Diċembru, fl-età ta' 89 sena. Il-Funeral tiegħu sar fil-Bażilika ta' San Ġorġ fit-30 ta' Diċembru.



## MEMBRI ĠODDA fil-komunità parrokkjali

**19/09/2020** **Eliott John** bin Michael Peace u Lucienne Attard
**26/09/2020** **Maya** bint Andrew Abela u Graziella Gambin
**10/10/2020** **Giorgio** bin Ray George Cassar u Celine Marie Briffa Vella
**15/11/2020** **Faye** bint Daniel Xuereb u Pippa Agius
**29/11/2020** **George** bin Kevin Buttigieg u Charlene Cauchi
**06/10/2020** **Riley** bint Adam Attard u Jessica Portelli
**06/12/2020** **Cian** bin Jason Attard u Claudia Haber
**08/12/2020** **Rose** bint George Attard u Georgette Cassar

## Ingħaqdu fis-sagrament TAŻ-ŻWIEĠ

**19/09/2020** **Paul Formosa** u **Gloriene Xuereb**
**20/09/2020** **Christopher Mercieca** u **Graziella Lupi Spencer**
**01/10/2020** **Mark Debono** u **Fabienne Marie Cauchi**

## Marru jingħaqdu ma' KRISTU RXOXT

**03/09/2020** **Michael Angelus Camilleri**
**26/09/2020** **Doris Borg**
**26/09/2020** **Victor John Borg**
**16/11/2020** **Carmela Cefai**
**04/12/2020** **Maria Dolores Pace**
**08/12/2020** **George Fenech**
**12/12/2020** **Emanuel Camilleri**
**14/12/2020** **Helen Cauchi**
**22/12/2020** **Dolores Scicluna**
**25/12/2020** **Bernarda Cauchi**
**27/12/2020** **Mons. Carmel Grech**

KRONAKA



# MID-DJARJU PARROKKJALI

## SETTEMBRU-DIĊEMBRU 2020

Andrew Formosa

**» 11 ta' Settembru**
**Filgħaxija:** Il-grupp tal-abbatini sellem b'barbikju fuq il-bejt taċ-Ċentru Parrokkjali lid-Djaknu Andrew Grima fl-għeluq tal-esperjenza pastorali tiegħu fl-aħħar sena fil-Parroċċa ta' San Ġorġ.

**» 12 ta' Settembru**
**F'nofsinhar:** Is-saċerdoti tal-Parroċċa kellhom ikla flimkien fir-Ristorant Lantern, Marsalforn.

**» 20 ta' Settembru**
**06.30pm:** Sar il-Kant Solenni tal-Għasar tal-Vġili tas-Solennità tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika.

**» 21 ta' Settembru**
**05.30pm:** L-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex, mexxa t-Tieni Għasar tas-Solennità tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika Ġorġjana, fejn ħa wkoll il-pussess bħala t-Tielet Dekan tal-Kolleġġjata.
**06.00pm:** Mons. Isqof mexxa Pontifikal Solenni fil-265 Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika.



**» 26-28 ta' Settembru**
**06.00pm:** Ġie ċċelebrat it-Tridu bi tħejjija għall-Festa parrokkjali ta' San Mikiel.

**» 29 ta Settembru**
**06.00pm:** Il-Kan. Joe Zammit mexxa Konċelebrazzjoni solenni fil-Festa parrokkjali ta' San Mikiel.

**» 4 ta' Ottubru**
**09.45am:** Bdiet fil-Parroċċa l-Mixja ta' Formazzjoni bi Tħejjija għaż-Żwieġ. Il-laqgħat komplew isiru, Ħadd iva u Ħadd le, fiċ-Ċentru Parrokkjali, immexxija mill-Arċipriet bl-għajnuna tal-koppji animaturi.

**» 6 ta' Ottubru**
**08.00pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-Grupp taż-Żgħażagħ 18+. Il-laqgħat komplew isiru kull nhar ta' Tlieta fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 7 ta' Ottubru**
**8.00pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-Gruppi tal-Adolexxenti 15+. Il-laqgħat għal din il-kategorija komplew isiru kull nhar ta' Erbgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 7-9 ta' Ottubru**
**06.00pm:** Ġie ċċelebrat it-Tridu bi tħejjija għall-Festa parrokkjali tal-Madonna ta' Fatima mill-Kan. Joe Zammit.

**» 8 ta' Ottubru**
**07.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-Gruppi tal-Adolexxenti Forms 3 u 4. Il-laqgħat għal din il-kategorija komplew isiru kull nhar ta' Ħamis fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 10 ta' Ottubru**
**06.00pm:** Il-Kan. Joe Zammit mexxa l-Quddiesa tal-Festa parrokkjali tal-Madonna ta' Fatima.
**06.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-Gruppi tal-Adolexxenti tal-Form 2. Il-laqgħat għal din il-kategorija komplew isiru kull nhar ta' Sibt fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 12 ta' Ottubru**
**07.30pm:** Kompla l-kors tal-formazzjoni mibni fuq il-Kmandamenti bl-isem ta' 10k u mmexxi minn Dun Noel Debono. Il-laqgħat komplew isiru kull nhar ta' Tnejn fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 14 ta' Ottubru**
**06.00pm:** Reġa' beda jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali biex jiddiskuti temi u suġġerimenti relatati mal-ħajja pastorali tal-Parroċċa.

**» 15 ta' Ottubru**
**05.30pm:** Bdew il-laqgħat ta' katekeżi ta' kull nhar ta' Ħamis għat-tfal u l-adolexxenti li huma kandidati għas-sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni. L-ewwel ma saret kienet laqgħa introduttiva għall-ġenituri kollha fil-Bażilika.

**» 17 ta' Ottubru**
**08.00pm:** Saret fil-Bażilika l-ewwel Ċelebrazzjoni fil-Proġett parrokkjali *Fejn hu Ħuk?*, bit-tema *Il-ħabsi u*

*l-vittma*, fejn ġew mistiedna Patri Hayden Williams OFMCAP, Kappillan fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, u s-Sur Randolph Spiteri, Chief Operations Officer fl-istess Faċilità, li qasmu l-esperjenzi tagħhom mal-ħabsin. Fuq il-presbiterju għal din iċ-ċelebrazzjoni tqiegħdet għall-qima l-istatwa ta' Kristu Marbut mis-sett l-antik tal-Ġimgħa Kbira.

**» 25 ta' Ottubru**
**07.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-Grupp tal-Familji, immexxija mill-Kan. Richard N. Farrugia. Il-laqgħat komplew isiru kull xahar fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 1 ta' Novembru**
**Filgħaxija:** Saret *Il-Mixegħla tal-Qaddisin* fi Pjazza Indipendenza organizzata mill-Ministeru għal Għawdex madwar il-lokalitajiet kollha, fejn il-Grupp taż-Żgħażagħ tal-Parroċċa 23four ifforma bix-xemgħa fl-art l-immaġni ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel.

**» 7 ta' Novembru**
**08.00pm:** Saret fil-Bażilika ċ-Ċelebrazzjoni *Fejn hu Ħuk?* bit-tema *Il-Mejjet* fejn ġew mistiedna Dun Renè Camilleri, Kappillan fl-Isptar Mater Dei, u Dr Christopher Barbara, mid-Dipartiment tal-Patoloġija fl-istess Sptar, li taw l-esperjenza tagħhom. Fuq il-presbiterju għal din iċ-ċelebrazzjoni tqiegħdet għall-qima l-istatwa tal-korp ta' Kristu mejjet.

**» 12 ta' Diċembru**
**07.00pm:** Saret fil-Bażilika ċ-Ċelebrazzjoni *Fejn hu Ħuk?* bit-tema *Il-Barrani*, fejn tkellmu l-ġurnalista Peppi Azzopardi u Mons. Isqof Anton Teuma li ttrattaw it-tema tal-barrani. Wara, kompliet l-Adorazzjoni li ntemmet b'quddiesa għad-dawl tax-xemgħa. Fuq il-presbiterju, tqiegħdet xbieha ta' Ġesù Bambin u quddiemu s-sinjal *No Entry*.

**» 15-23 ta' Diċembru**
**06.00pm:** Inżammet in-Novena tal-Milied fil-Bażilika li tmexxiet mill-Arċipriet u, f'rabta mal-Proġett *Fejn hu Ħuk?* kellha bħala tema l-Barrani, li ġie identifikat mal-figura ta' Ġesù. Din kienet tinkludi fi tmiemha l-kant tal-Alma u l-Barka Ewkaristika.

**» 17 ta' Diċembru**
**Filgħaxija:** Il-Chorus Urbanus irrekordja *Il-Kunċert tal-Milied* wara l-bibien magħluqa tal-Bażilika, li mbagħad ixxandar fil-jiem tal-Milied fuq l-istazzjon televiżiv nazzjonali.

**» 23 ta' Diċembru**
**08.00pm:** Saret ċelebrazzjoni *Fisqietu u medditu f'maxtura* għaż-żgħażagħ tal-Parroċċa mill-Grupp 23four.

**» 24 ta' Diċembru**
**09.00pm:** Minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-imxija tal-Covid-19, ġie deċiż li jsiru żewġ funzjonijiet tal-Quddiesa tal-Lejl tal-Milied biex jiġu osservati l-miżuri ta' distanza soċjali. Dawn saru fid-9.00pm li tmexxiet mill-Arċipriet Joseph Curmi bis-sehem ta' kor ċkejken magħmul minn membri tal-Grupp 23four, u dik tal-11.30pm li tmexxiet mill-Kan. Richard N. Farrugia u kienet animata mill-Kor tal-Parroċċa Laudate Pueri u kienet tinkludi l-kant tal-Matutin. Il-Prietka tradizzjonali tat-Tifel fiż-żewġ quddisiet saret mill-abbati Kurt Vella.

**» 25 ta' Diċembru**
**11.00am:** Mons. Isqof mexxa Pontifikal fis-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.

**» 26 ta' Diċembru**
Matul il-ġurnata tqassmu lil diversi organizzazzjonijiet f'Malta u Għawdex, fosthom il-JRS, l-oġġetti li nġabru tul il-festi tal-Milied taħt is-Siġra tal-Karità fil-Bażilika.

**» 27 ta' Diċembru**
Tħabbret il-mewt ta' Mons. Karm Grech, Kantur tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata, fl-età ta' 89 sena.

**» 30 ta' Diċembru**
**3.30pm:** Il-ġisem mejjet ta' Mons. Karm Grech ġie milqugħ mill-Kapitlu Ġorġjan fil-Bażilika u saret it-talba tal-Uffiċċju tal-Mejtin.
**4.00pm:** Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni *præsente cadavere* tal-Funeral ta' Mons. Karm Grech.

**» 31 ta' Diċembru**
**04.30pm:** L-Em.T. il-Kardinal Mario Grech mexxa Pontifikal Solenni ta' Radd il-Ħajr fil-Bażilika fl-għeluq tas-sena 2020, u l-ewwel darba fil-Parroċċa Ġorġjana minn meta fil-Konċistorju tat-28 ta' Novembru ġie kkreat Kardinal mill-Papa Franġisku. Qabel il-Pontifikal, il-Kardinal Grech mexxa l-kant solenni tal-Għasar tal-Vġili tas-Solennità ta' Marija Omm Alla, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan. Bħala tifkira, il-Parroċċa rregalatlu album ta' ritratti bil-ġrajjiet ewlenin mill-aħħar ħmistax-il sena li fihom hu kien preżenti bħala Isqof djoċesan u Dekan tal-Kolleġġjata f'ċelebrazzjonijiet fil-Bażilika.



**Nota**
Kull ċelebrazzjoni jew appuntament bis-sehem tal-poplu f'dan il-perjodu saru f'rispett sħiħ lejn il-miżuri mitluba mill-Awtoritajiet tas-Saħħa minħabba l-imxija tal-pandemija Covid-19.





Il-Parroċċa Ġorġjana tifraħ lill-Eminenza Tiegħu Mario Grech, it-Tieni Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, fil-kreazzjoni tiegħu mill-Papa Franġisku bħala Kardinal, l-ewwel wieħed mill-gżira Għawdxija.